



OPINJONI Nru 02/2008

TA' L-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

tal-15 ta' Mejju 2008

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jstabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatati jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

U

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

"Rekwiżiti tal-Parti M riveduti għall-inġenji ta' l-ajru mhux użati għat-Trasport Kummerċjali bl-Ajru u l-manutenzjoni tal-pilota-sid"

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-Opinjoni hu li jissuġġerixxi lill-Kummissjoni li temenda r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003¹ (Parti 21) u Nru 2042/2003². Ir-raġunijiet għal din l-attività ta' regolamentazzjoni huma mogħtija aktar 'l isfel.
2. L-Opinjoni kienet adottata, skond il-proċedura speċifikata mill-Bord ta' Tmexxija ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (l-Aġenzija)³, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008⁴ (ir-Regolament bażiku).

II. Konsultazzjoni

3. Sabiex twettaq evalwazzjoni ta' l-implikazzjonijiet ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 (Parti M), kif inhu meħtieġ skond l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, fl-2004 l-Aġenzija organizzat żewġ laqgħat ma' rappreżentanti kummerċjali u mhux kummerċjali mill-industrija ta' l-avjazzjoni li fihom ġie rikonoxxut li l-impatt tal-Parti M fuq l-attivitajiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru kien minimu u li l-valutazzjoni ta' l-impatt kellha tkun ikkonċentrata fuq attivitajiet oħra.
4. Biex twettaq il-valutazzjoni ta' l-impatt imsemmi hawn fuq, fil-21 ta' Settembru 2004, l-Aġenzija ffirmat kuntratt mal-kumpanija ta' konsulenza, Air EuroSafe. Ir-riżultat ta' din il-konsulenza kien ir-rapport regolatorju tal-valutazzjoni ta' l-impatt 2004/S 122-102598 maħruġ minn Air EuroSafe fil-21 ta' Frar 2005, li ġie ppubblikat bħala Appendiċi II ta' l-NPA07/2005 spjegat aktar 'l isfel.
5. Dan ir-rapport intuża mill-Aġenzija biex tipproponi emenda fil-Parti M għall-inġenji ta' l-ajru mhux involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru (kompitu ta' regolamentazzjoni M.007). Din il-proposta ġiet ippubblikata bħala Avviż għal Emenda Proposta (NPA) 07/2005, li ħareġ fit-23 ta' Ġunju 2005 u nfetaħ għal konsultazzjoni pubblika għal perjodu ta' żmien li ttawwal għal 5 xhur fuq talba tal-maġġoranza tal-partijiet interessati. Sa l-iskadenza ta' l-24 ta' Novembru 2005, l-Aġenzija kienet irċeviet 441 kument mingħand awtoritajiet nazzjonali, organizzazzjonijiet professjonali u persuni privati.

¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003 li jstabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom" (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 287/2008 tat-28 ta' Marzu 2008 (ĠU L 87, 29.03.2008, p. 3).

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ta' l-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol" (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 376/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 (ĠU L 94, 4.4.2007, p. 18).

³ Id-Deċiżjoni tal-Bord ta' Tmexxija dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija fil-ħruġ ta' l-Opinjonijiet, l-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni u l-Materjal ta' Gwida. EASA MB 08-2007 tal-11.06.2007 ("Proċedura ta' Regolamentazzjoni").

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE" (ĠU L 79, 19.03.2008, p.1).

6. Il-kummenti li daħlu, kif ukoll il-konklużjonijiet li ntleħqu waqt *workshop* organizzat biex ifisser u tiġi diskussa l-proposta, ipperswadow lill-Aġenzija li ma kienx hemm tama li t-tibdil previst jiġi aċċettat jekk l-Aġenzija ma tinizjalax fuq bażi parallela kompitu ieħor ta' regolamentazzjoni (M.017) biex tiżviluppa l-materjal ta' spjegazzjoni relatat (AMCs u GMs), jekk ma tipproponix emendi ulterjuri għar-regola u jekk ma tippreżentax iż-żewġ proposti fl-istess ħin biex b'hekk tkun ingħatat ħarsa ġenerali totali tat-tibdil previst. Dan ġie diskuss b'mod estensiv tard matul l-2005 ma' rappreżentanti tal-komunità ta' l-Avjazzjoni Ġenerali, li qablu li għandhom isostnu dan il-proċess. Konsegwentement, l-attività ta' regolamentazzjoni ġiet estiża biex tinkludi:
- evalwazzjoni u l-għoti ta' twegġibiet għall-441 kumment li daħlu b'risposta għall-NPA07/2005, u t-tnejn tad-Dokument ta' Risposta għall-Kummenti (CRD) korrispondenti;
 - diskussjoni u proposti għal tibdil ulterjuri għall-Parti M;
 - produzzjoni tal-materjal AMC/GM relatat.
- Barra minn hekk, il-kwistjonijiet l-aktar speċifiċi marbuta mal-"manutenzjoni tal-pilota-sid" ġew trasferiti għal kompitu separat (M.005).
7. Ix-xogħol twettaq minn żewġ gruppi ddedikati għar-regolamentazzjoni (M.005 u M.017) magħmula minn rappreżentanti ta' l-Aġenzija, ta' l-Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Nazzjonali (NAAs), ta' l-industrija tal-manifattura u l-manutenzjoni, u kif ukoll tas-sidien u l-operaturi. Fuq il-bażi tar-riżultat ta' xogħolhom, l-Aġenzija ħarġet id-dokumenti li ġejjin għal konsultazzjoni pubblika:
- CRD07/2005 fis-26 ta' April 2007 (b'risposta għall-kummenti dwar l-NPA07/2005).
 - NPA2007-08 fit-28 ta' Ġunju 2007 (li jipproponi tibdil addizzjonali fil-Parti M kif ukoll l-AMC/GM korrispondenti).
8. Biex issostni u tfisser il-kontenut ta' dawn id-dokumenti, l-Aġenzija organizzat *workshop* f'Cologne li sar fl-4 ta' Lulju 2007, sitt *workshops* fl-Iżvizzera, ir-Renju Unit, Franza, id-Danimarka, il-Ġermanja u r-Repubblika Ċeka li saru bejn it-28 ta' Awissu u t-13 ta' Settembru 2007 u *workshop* ieħor fl-Awstrija li sar fit-13 ta' Novembru 2007.
9. Biex tiffaċilita l-proċess ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni u biex il-partijiet kollha involuti jsibuha eħfef biex jifhmu, l-Aġenzija ddeċidiet li l-Opinjoni finali tagħha għandha tkopri t-tliet kompiti flimkien (M.007, M.005 u M.017) u għaldaqstant impenjat ruħha biex tnejn CRD komuni, u kif ukoll test uniku emendat tal-Parti M.
10. L-aġenzija rċeviet 10 reazzjonijiet għas-CRD07/2005 u 661 kumment għall-NPA2007-08, li l-messaġġi ewlenin tagħhom jistgħu jiġu ppreżentati fil-qosor kif ġej:
- Ġew espressi xi dubji dwar il-ħtieġa biex is-sistemi nazzjonali eżistenti jiġu ssostitwiti minn regolamentazzjoni Ewropea.
 - Il-ħruġ ta' regolament iddedikat separat, verżjoni "ħafifa" tal-Parti M, biex tindirizza l-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà [ċertifikazzjoni li l-inġenji ta' l-ajru jkunu tajbin għall-ajru] ta' l-Avjazzjoni Ġenerali.
 - L-integrazzjoni tar-riżultati tal-kompitu tar-Regolamentazzjoni MDM.032 dwar regolamentazzjoni aħjar ta' l-Avjazzjoni Ġenerali.
 - It-tagħqid ta' l-approvazzjonijiet ta' l-M.A.Sottoparti F u l-M.A.Sottoparti G (Organizzazzjoni ta' Ġestjoni għall-ajrunavigabilità kontinwa - *Continuing Airworthiness Management Organisation* - (CAMO)).

- L-aċċettazzjoni tal-FAA AC43-13 għat-tiswijiet u l-modifiki.
- L-aċċettazzjoni b'mod dirett (mingħajr awtorizzazzjoni doppja) ta' dokumenti ta' rilaxx li joriġinaw mill-Istati Uniti (FAA 8130-3) u l-Kanada (TCCA 24-0078) fir-rigward ta' komponenti li fuqhom tkun saret il-manutenzjoni.
- L-estensjoni ta' l-ambitu tal-manutenzjoni tal-pilota-sid u l-eliminazzjoni ta' l-awtovalutazzjoni.
- Jittaffa l-piż żejjed ta' l-obbligi ta' superviżjoni (Sistemi ta' Kwalità / Reviżjonijiet Organizzattivi).
- Il-previżjoni għall-approvazzjoni inizjali ta' CAMO fl-assenza ta' programm ta' manutenzjoni approvat.
- Il-kjarifika tal-kundizzjonijiet għall-manutenzjoni tal-komponenti u kompiti kumplessi.
- Ikun permess it-trasferiment lura lis-sid ta' komponenti li m'għadhomx utli.
- Il-ħolqien ta' liċenzja ġdida u aktar sempliċi għall-persunal inkarigat mill-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru.
- Il-ħruġ ta' rekwiżiti b'piż imtaffi għall-persunal inkarigat mill-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u ta' proċeduri ssimplifikati għat-twettiq ta' l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u kif ukoll il-ħruġ ta' ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà (ARC - *Airworthiness Review Certificate/s*).
- L-għoti ta' aktar żmien biex jiġi implimentat it-tibdil previst.

11. Sabiex isir eżami ta' dawn il-kummenti, l-Aġenzija ħolqot żewġ gruppi għall-eżaminar (M.005 u M.017), kull wieħed iffurmat mill-membri tal-grupp ta' ħidma rispettiv flimkien ma' persuna mill-(Aġenzija ta' l-) Istandardizzazzjoni u l-Approvazzjonijiet u persuna mill-industrija li kienet esprimiet opinjoni kuntrarja għall-NPA2007-08. Bħala riżultat ta' dan l-eżaminar, fis-6 ta' Marzu 2008 l-Aġenzija ħarġet is-CRD2007-08, li fih hemm miġbura r-reazzjonijiet għal kull kumment; it-test propost għar-regola u għall-AMC/GM; il-materjal ta' spjegazzjoni li jindika kif l-aktar kwistjonijiet sinifikanti msemmija hawn fuq ġew indirizzati; u gwida għas-sidien ta' inġenji ta' l-ajru privati ta' MTOM ta' 2730 Kg jew anqas (inklużi l-blalen ta' l-ajru ta' kull daqs) filwaqt li jiġbor fil-qosor il-proċeduri l-aktar issimplifikati li jippermettu r-regoli previsti.

12. Bħala riżultat tal-konsultazzjoni esterna tas-CRD2007-08, li ġiet fi tmiemha fis-6 ta' Mejju 2008, l-Aġenzija rċeviet reazzjonijiet mingħand:

- 6 awtoritajiet kompetenti: AustroControl (mill-Awstrija), CAA (mill-Olanda), CAA (mir-Renju Unit), DGAC (minn Franza), ENAC (mill-Italja), FOCA (mill-Iżvizzera).
- 12-il organizzazzjoni u assoċjazzjoni: Broadland Balloon Flights, British Balloon and Airship Club, GEFA-FLUG, ir-Royal Aeroclub Daniż, Europe Air Sports, Deutscher Aero Club, il-European Gliding Union, European Sailplane Manufacturers, Alitalia Servizi, il-Gliding Union Franċiż (FFVV), il-Federazzjoni Norveġiża ta' l-Ispport ta' l-Ajru, u l-European Microlight Federation.
- 27 persuna individwali.

Dawn ir-reazzjonijiet ġew analizzati bir-reqqa fl-Anness. L-ebda waħda minnhom ma tant taffettwa s-sustanza tal-konklużjonijiet li l-Aġenzija ppreżentat fis-CRD. Madankollu, ħafna minnhom jipproponu titjib interessanti fit-test li l-Aġenzija introduċiet f'din l-Opinjoni. Oħrajn ma jistgħux jitqiesu fil-kuntest ta' l-attività preżenti ta' regolamentazzjoni minħabba li jeħtieġu konsultazzjoni miftuħa xierqa; dawn għalhekk ser jitqiesu għar-regolamentazzjoni tal-ġejjieni.

III. Kontenut ta' l-Opinjoni ta' l-Aġenzija

13. Din l-Opinjoni tikkunsidra kemm jista' jkun is-suġġerimenti magħmula mill-ħafna partijiet interessati li ħadu sehem fil-konsultazzjoni u rreaġixxew għas-CRD. L-Opinjoni attwali tipproponi approċċ Ewropew lejn il-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru li mhumiex involuti fi trasport kummerċjali bl-ajru, u tibni fuq sistemi nazzjonali eżistenti, meta dawn jipprevedu mezzi ekwivalenti li jipprovdu għal livell xieraq ta' sigurtà, sabiex tippermetti li dawn is-sistemi jkomplu jintużaw bl-anqas tfixkil possibbli; permezz ta' hekk, l-Opinjoni tippermetti wkoll li daww is-sistemi li l-effiċjenza tagħhom hija ppruvata jkunu disponibbli għaċ-ċittadini Ewropej kollha.
14. Il-ħtieġa ta' produzzjoni parallela tar-rekwiżiti u tal-mezzi ta' konformità tagħhom, kif ukoll il-ħtieġa ta' l-involvement xieraq tal-partijiet kollha interessati u ta' konsultazzjoni xierqa magħhom, tispjega għaliex dawn il-kompiti ta' regolamentazzjoni, li kellhom jitlestew fl-2005, jistgħu biss jiġu ffinalizzati issa, sewwasew ftit xhur qabel tmiem ir-rapport temporanju dwar id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-Parti M applikabbli għall-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru li mhumiex involuti fi trasport kummerċjali bl-ajru. Mingħajr dubju, dan, leġittimament, iqanqal tħassib fost il-partijiet interessati affettwati. Din l-Opinjoni, għalhekk, tikkunsidra b'mod sħiħ dan it-tħassib u tipproponi miżuri tranżitorji biex takkomodah.
15. Meta tqis il-ġerarkija tar-regoli EASA, din l-Opinjoni tindirizza biss it-tibdil li l-Aġenzija tissuġġerixxi għar-regolamenti tal-Kummissjoni applikabbli (il-Parti M, il-Parti 145 u l-Parti 21); il-mezzi ta' konformità relatati (AMC) u l-materjal ta' gwida (GM), li tfissru fis-CRD, jistgħu u ser jinħarġu biss mill-Aġenzija meta r-regolamenti msemmija hawn fuq ikunu ġew adottati mill-Kummissjoni. Irid jiġi ċċarat, madankollu, li l-miżuri ppreżentati f'din l-Opinjoni għandhom jinqraw f'konnessjoni ma' l-imsemmija AMC u GM bħala parti minn pakkett li dwaru hemm ftehim.

a) *ħtieġa ta' regoli komuni*

16. Għalkemm ħafna persuni u organizzazzjonijiet kellhom dubju dwar kemm kien hemm ħtieġa ta' bidla u appoġġaw il-kontinwazzjoni ta' kull waħda mis-sistemi nazzjonali attwali, huwa fatt li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill diġà ddeċidew li l-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru kollha rreġistrati fl-Istati Membri għandha tikkonforma ma' regoli komuni sabiex iċ-ċittadini jibbenifikaw minn tnejn mill-għanijiet ewlenin attribwiti lis-sistema EASA:

a) Sigurtà

Wieħed mill-għanijiet prinċipali hu li jiġi armonizzat il-livell ta' sigurtà. Għalkemm m'hemmx provi li jsostnu l-eżistenza ta' tħassib dwar is-sigurtà fejn għandhom x'jaqsmu s-sistemi nazzjonali attwali, dan ma jfissirx li s-sigurtà ma tistax tittejjeb. Fil-fatt, il-livell ta' sigurtà tas-sistemi nazzjonali jvarja minn pajjiż għal ieħor, u l-ħolqien ta' ġabra ta' regoli bl-istandards xierqa għandu jtejjeb il-livell globali tas-sigurtà fl-Ewropa.

b) Suq komuni

Għan ieħor tal-Komunità meta ħolqot is-sistema EASA kien li jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern. Il-moviment liberu ta' l-oġġetti, is-servizzi u l-persuni jeħtieġ l-adozzjoni ta' regoli komuni biex jiġi żgurati li inġenji ta' l-ajru użati jkunu jistgħu jinbiegħu kullimkien fis-Suq Komuni; il-manutenzjoni u l-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà jkunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom fl-Istati Membri kollha; u ċ-

ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jtajru l-inġenji ta' l-ajru tagħhom b'mod ħieles fi kwalunkwe Stat Membru.

17. Konsegwentement, mhijiex għażla għall-Avjazzjoni Ġenerali l-previżjoni li titneħħa l-Parti M. Barra minn hekk, anqas mhi għażla li ma jsir xejn għax dan ikun ifisser l-implimentazzjoni tal-Parti M kif inhi lllum mit-28 ta' Settembru 2008 'l quddiem. L-uniku mod kif wieħed għandu jipproċedi, għalhekk, fl-ambjent leġiżlattiv attwali hu bl-emendar tal-Parti M biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tal-kategoriji u d-daqsijiet differenti ta' l-inġenji ta' l-ajru u kif ukoll it-tipi differenti ta' operazzjonijiet. Meta twettaq dan, l-Aġenzija tkun indirizzata b'mod partikolari l-kwistjonijiet ewlenin identifikati matul il-konsultazzjoni.

b) Format tar-rekwiżiti tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà għall-Avjazzjoni Ġenerali

18. Għadd ta' persuni u organizzazzjonijiet kienu tal-fehma li r-rekwiżiti attwali huma kkumplikati wisq u diffiċli biex jinqaw; iridu għalhekk Parti M separata ddedikata għall-Avjazzjoni Ġenerali (l-hekk imsejja il-"Parti M ħafifa"). L-Aġenzija taqbel li t-testi ġuridiċi mhumiex dejjem faċli li jintużaw minn persuni rregolati, ukoll jekk sar sforz kbir biex jiġu prodotti f'lingwaġġ sempliċi u jiġu organizzati b'mod li l-użu tagħhom ikun iffaċilitat. Dan minħabba l-fatt li t-testi ġuridiċi mhumiex prodotti biex jintużaw direttament bħala manwali għall-attivitajiet ta' kuljum; l-għan prinċipali tagħhom hu li joħolqu ċertezza ġuridika meta l-affarijiet imorru ħażin. Barra minn hekk, dawn it-testi joħolqu d-drittijiet għall-persuni rregolati li huma intitolati jinterpretawhom fl-aħjar interess tagħhom. Ħafna mir-rekwiżiti li jinsabu fil-Parti M huma fil-fatt ta' natura ġenerali u jistgħu jiġu adattati minn kull wieħed mill-applikanti għad-daqs u t-tip ta' l-organizzazzjoni u l-operazzjoni.

19. F'dan il-kuntest ukoll, għandu jitqies il-fatt li l-Parti M tapplika għal varjetà kbira ta' inġenji ta' l-ajru involuti f'diversi tipi ta' operazzjonijiet:

- Inġenji ta' l-ajru kbar (kif spjegat diġà fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003);
- Inġenji ta' l-ajru mhux ta' kobor 'il fuq minn MTOM ta' 2730 Kg;
- Inġenji ta' l-ajru ta' jew anqas minn MTOM ta' 2730 Kg u blalen ta' l-ajru;
- Inġenji ta' l-ajru ELA1 (kif definiti f'din l-Opinjoni b'antiċipazzjoni għall-NPA2008-07 f'rabta mal-"proċess ELA"; "Tibdil u Tiswijiet Standard" u "Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għall-Ajruplani Ħfief ta' l-Isport");
- Inġenji ta' l-ajru CS-VLA, CS-22 u LSA (Ajruplani Ħfief ta' l-Isport) (LSA kif imfisser f'din l-Opinjoni b'antiċipazzjoni għall-NPA2008-07).

Kieku kellha tiġi segwita l-loġika li tinħoloq Parti M separata ddedikata għall-Avjazzjoni Ġenerali, "Parti M ħafifa" waħda ma kinitx tkun biżżejjed imma kien ikun hemm bżonn diversi biex jindirizzaw kull waħda mill-kategoriji ta' l-inġenji ta' l-ajru u, possibilmnt, kull tip ta' operazzjoni wkoll. Meta titqies il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' l-UE, dan jista' joħloq ħafna konfużjoni minħabba li kull test ikun irid jiġi interpretat indipendentement mill-oħrajn u b'hekk testi identiċi jkunu jistgħtu jwasslu għal rekwiżiti differenti.

20. Konsegwentement, ir-rekwiżiti ġuridiċi jridu jintużaw f'rabta mal-materjal interpretattiv xieraq prodott mir-regolaturi u l-persuni regolati nfushom. Fil-każ ta' dawn ta' l-aħħar, dan il-materjal interpretattiv jista' jinħareġ mill-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet kummerċjali għall-benefiċċju tal-membri tagħhom.

21. Minkejja l-kummenti ta' hawn fuq, l-Aġenzija tifhem il-ħtieġa li jħossu l-partijiet interessati ta' l-Avjazzjoni Ġenerali għall-għoti ta' sostenn biex jagħrfu u jimplimentaw ir-rekwiżiti li jridu jikkonformaw magħhom. L-Aġenzija għalhekk ser tagħmel l-isforzi kollha possibbli biex toħroġ gwida għall-utenti bħal dik li nthemżet mas-CRD għas-sidien tal-blalen ta' l-ajru u ta' l-inġenji ta' l-ajru privati ta' MTOM ta' 2730 Kg jew anqas. Sejra wkoll tikkomunika l-kontenut u l-intenzjoni tar-regola lil awtoritajiet kompetenti, peruni regolati u organizzazzjonijiet permezz ta' noti ta' spjegazzjoni, ittri, *workshops*, eċċ.

ċ) Integrazzjoni tar-riżultati tal-kompitu MDM.032 dwar ir-regolamentazzjoni għal regolamentazzjoni aħjar fl-ambitu ta' l-Avjazzjoni Ġenerali.

22. Għadd ta' persuni u organizzazzjonijiet għamlu suġġeriment biex jiġu kkunsidrati l-proċeduri ssimplifikati għall-inġenji ta' l-ajru ħfief previsti mill-kompitu MDM.032 dwar r-regolamentazzjoni. Filwaqt li għandu jiġi nnutat li dan il-kompitu jindirizza l-aktar ir-rekwiżiti għall-operazzjonijiet bl-ajru, l-għoti ta' liċenzji lill-piloti u l-ajrunavigabbiltà inizjali, huwa sewwa li tinħass il-ħtieġa biex tiġi żgurata konsistenza bejn ir-rekwiżiti għall-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà u dawk marbuta maċ-ċertifikazzjoni tat-tibdil u t-tiswijiet, kif ukoll dawk applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-partijiet tat-tibdil u t-tagħmir. Ix-xogħol imwettaq fil-kuntest ta' dan il-kompitu mexxa 'l quddiem biżżejjed biex tkun tista' toħroġ il-pubblikazzjoni ta' NPA2008-07 biex jinħoloq proċess ġdid imsejjaħ "Inġenji ta' l-Ajru Ħfief Ewropej" b'żewġ sottokategoriji (ELA1 u ELA2) u biex tiġi proposta Speċifikazzjoni ta' Ċertifikazzjoni (CS) ġdida għal-LSA (l-Ajruplani Ħfief ta' l-Ispert). Din l-Opinjoni tanticiġpa dan l-iżvilupp bl-inklużjoni ta' tnaqqis ulterjuri fil-piż tar-rekwiżiti speċifikament għal dawn l-inġenji ta' l-ajru:

- a) Il-possibbiltà li jiġu installati komponenti li ma jeħtiġux rilaxx għas-servizz, jekk tippermettathom il-Parti 21 (ara l-M.A.501(a)). Dan janticiġpa l-possibbiltà li s-sid jiffabbrika ċerti partijiet mingħajr rilaxx għas-servizz kif ġie propost fl-MDM.032.
- b) Il-possibbiltà li persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika jwettaq kompiti ta' manutenzjoni tal-komponenti u kompiti ta' manutenzjoni kumplessi fuq inġenji ta' l-ajru tat-tip ELA1 (ara l-M.A.502(d) u l-M.A.801(ċ)).
- c) Il-possibbiltà li persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika jippubblika rakkomandazzjonijiet għall-ħruġ ta' ARC għal inġenji ta' l-ajra tat-tip ELA1 (ara l-M.A.901(g)).

d) Tagħqid ta' l-approvazzjonijiet ta' l-M.A Sottoparti F + l-M.A. Sottoparti G (Organizzazzjoni ta' Ġestjoni għall-ajrunavigabbiltà kontinwa (CAMO))

23. Kien hemm suġġeriment biex l-approvazzjonijiet ta' l-M.A Sottoparti F + l-M.A. Sottoparti G jitwaħħdu sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni ta' espożizzjonijiet, investigazzjonijiet, verifiki, u drittijiet. Madankollu, l-Aġenzija mhijiex konvinta li din il-proposta tipproduċi l-benefiċċji mistennija. L-ewwelnett, huwa ċar li jridu jinżammu ċertifikati separati sabiex dawk l-organizzazzjonijiet li jixtiequ li jkollhom approvazzjoni waħda biss ikunu koperti. Ukoll jekk kienet teżisti l-possibbiltà li dawn iċ-ċertifikati iingħaqqdu, dan ma kienx jiggarrantixxi proċess uniku ta' ċertifikazzjoni għaliex l-awtorità kompetenti dejjem tista' tiddeċiedi li twettaq verifiki f'mument separati u li tqabbad żewġ dipartimenti jkopru l-kwistjonijiet marbuta ma' manutenzjoni u permanenza ta' l-ajranavigabbiltà. B'konsegwenza ta' dan, ma jistax ikun hemm garanzija ta' drittijiet aktar baxxi għaliex l-awtorità tista' tadatta d-drittijiet għal-livell ta' investigazzjoni meħtieġ, li huwa oġġla għal approvazzjonijiet magħquda milli għal waħda separata. Hu x'inhu, l-Aġenzija m'għandhiex kontroll fuq id-drittijiet mitluba mill-awtoritajiet kompetenti.

24. Minflok il-ħolqien ta' approvazzjonijiet magħquda, l-Aġenzija għażlet għalhekk dan li ġej:

- a) L-AMC M.A.602 u l-AMC M.A.702 ser jiċċaraw li organizzazzjoni li tapplika għaż-żewġ approvazzjonijiet tista' tuża Formola 2 EASA waħda għall-applikazzjoni tagħha.
- b) L-AMC M.B.604(b) u l-AMC M.B.704(b) jirrakkomandaw li l-awtorità kompetenti tirranġa l-verifiki b'mod li ż-żewġ approvazzjonijiet jiġu koperti f'daqqa biex jiġu evitati żjarat duplikati ta' żona partikolari.
- ċ) L-AMC M.A.704 jinkludi eżempju ta' espożizzjoni magħquda għal organizzazzjoni li fil-pussess tagħha jkollha ż-żewġ approvazzjonijiet (M.A. Sottoparti F u l-CAMO).

Huwa mistenni li dan jipprovdi l-bażi biex fuqha jiġu adattati d-drittijiet għal-livell ta' investigazzjoni meħtieġ, irrispettivament jekk jeżistix ċertifikat magħqud finali jew żewġ ċertifikati separati.

e) Aċċettazzjoni ta' l-FAA AC43-13 għat-tiswijiet u l-modifiki

25. Għadd ta' persuni u organizzazzjonijiet talbu li jiġi aċċettat l-użu tal-FAA AC43-13 għat-tiswijiet u l-modifiki. Għalkemm taqbel dwar il-ħtieġa biex jinstabu modi aktar sempliċi għat-tiswija u l-immodifikar fir-rigward ta' inġenji ħfief ta' l-ajru, l-Aġenzija ma tqisx li hi possibbli l-applikazzjoni diretta tar-regola FAA, li ġiet żviluppata f'ambjent regolatorju differenti fejn il-klassifikazzjoni tat-tiswijiet bħala "maġġuri" jew "minuri", u fejn id-diviżjoni tar-rwoli regolatorji, huma differenti.

B'konsegwenza ta' dan, kien hemm xi wħud li għamlu s-suġġeriment li ssir traspożizzjoni tal-proċess għall-approvazzjoni tat-tiswijiet stabbilit bl-FAA AC43-13 għas-sistema EASA. Dan is-suġġeriment qed jiġi kkunsidrat preżentement fl-ambitu tal-kompitu MDM.032 tar-regolamentazzjoni minħabba li s-suġġeriment ma jikkonċernax kwistjoni ta' manutenzjoni imma huwa wieħed marbut mal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà li hija indirizzata taħt il-Parti 21 Sottoparti D u Sottoparti M fejn jidhru r-rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fil-qasam tat-tiswijiet u l-modifiki. Għaldaqstant l-Aġenzija qed tikkunsidra rekwiżiti xierqa għaċ-ċertifikazzjoni, kif imfisser fl-NPA2008-07, li jkunu jipprovdu għall-istess tip ta' flessibbiltajiet bħal dawk inklużi fl-AC43-13, imma fil-kuntest ta' l-EASA.

f) Aċċettazzjoni b'mod dirett ta' dokumenti ta' rilaxx li joriġinaw mill-Istati Uniti u l-Kanada fir-rigward ta' komponenti li fuqhom tkun saret il-manutenzjoni

26. Ħafna organizzazzjonijiet u sidien ta' inġenji ta' l-ajru jistokkjaw komponenti li ġew rilaxxati wara manutenzjoni li saritilhom bil-formoli korrispondenti FAA 8130-3 jew TCCA 24-0078; madankollu dawn il-formoli ma nħarġux minn organizzazzjonijiet li kienu approvati skond il-liġi Komunitarja u, konsegwentement, il-komponenti kkonċernati ma jistgħux jiġu installati wara t-28 ta' Settembru 2008. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni fl-Istat Uniti u l-Kanada li jwettqu xogħol ta' manutenzjoni fuq komponenti installati f'inġenji ta' l-Avjazzjoni Ġenerali ma jidhru interessati li jakkwistaw approvazzjoni Ewropea. Dan jista' jwassal għal skarsezza ta' organizzazzjonijiet approvati li jwettqu l-manutenzjoni meħtieġa biex ikopru l-ħtiġiet tal-komunità ta' l-Avjazzjoni Ġenerali Ewropea.

27. Għaldaqstant, fl-AMC M.A.613(a) l-Aġenzija għandha tiċċara li organizzazzjoni ta' manutenzjoni M.A.Sottoparti F jew Parti 145 (organizzazzjoni mhux klassifikata għall-komponenti) tista' toħroġ il-Formola 1 wara li jkunu saru kontrolli u verifikazzjonijiet, għal komponenti rilaxxati wara manutenzjoni tat-tip 8130-3 (FAA) jew TCCA 24-0078 (Kanada) mingħajr awtorizzazzjoni doppja. Din il-proċedura mħaffa hi bbażata fuq il-kapaċità teknika ta'

dawn l-organizzazzjonijiet u l-kunfidenza li jista' jkollna fis-sorveljanza mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti Amerikani u Kanadiżi, ibbażata fuq il-valutazzjonijiet eżegwiti għall-konklużjoni tal-ftehimiet bilaterali pendenti dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ma' dawn il-pajjiżi.

g) Estensjoni ta' l-ambitu tal-manutenzjoni tal-pilota-sid u l-eliminazzjoni ta' l-awtovalutazzjoni

28. Fir-rigward tal-manutenzjoni tal-pilota-sid, l-Aġenzija taqbel li l-esperjenza f'xi Stati Membri u sistemi regolatorji oħra wriet li jista' jsir aktar minn sidien l-inġenji ta' l-ajru għaliex lilhom l-aktar li jolqot ix-xogħol li jitwettaq biex jiżgura s-sigurtà ta' l-inġenji li jużaw. Għalhekk l-Aġenzija ddeċidiet li teżamina mill-qiegħ il-lista ta' ħidmiet ta' manutenzjoni li huwa permess iwettaq il-pilota-sid, li ser tiġi identifikata skond il-kategorija ta' l-inġenji u tiġi ttrasferita għal mal-materjal ta' l-AMC (l-AMC ġdid għall-Appendiċi VIII tal-Parti M). Dawn il-listi jeskludu b'mod ċar l-elementi essenzjali għas-sigurtà. Għall-kuntrarju, għal aktar ċertezza, l-Appendiċi VIII jipprovdi kjarifika tal-kategoriji tal-ħidmiet li ma jikkwalifikawx għall-manutenzjoni tal-pilota-sid.

29. Biex jipprevedi l-livell ta' kunfidenza meħtieġ fil-kompetenza tal-pilota-sid biex iwettaq dan il-kompitu ta' manutenzjoni, l-Appendiċi VIII jinkludi l-prinċipji bażiċi li magħhom għandu jikkonforma l-Pilota-sid fir-rigward ta':

- o Kompetenza u responsabbiltajiet.
- o Twettiq ta' manutenzjoni u dokumentazzjoni.

Dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq il-kunċett ta' "awtovalutazzjoni tal-pilota". Ir-riskji relatati huma mtaffija mill-fatt li l-kompitu mwettaq minn pilota-sid partikolari jridu jkunu elenkati fil-programm ta' manutenzjoni. Bħala konsegwenza ta' dan, meta CAMO tkun responsabbli għall-ġestjoni ta' inġenju ta' l-ajru, din l-organizzazzjoni tivverifika li l-manutenzjoni tkun imwettqa kif xieraq; meta CAMO ma tkunx responsabbli għall-ġestjoni ta' inġenju ta' l-ajru, l-awtorità kompetenti twettaq il-kontrolli għall-kwalità matul l-eżaminar perjodik fuq l-ajrunavigabbiltà. B'hekk, l-effikaċja tal-manutenzjoni mwettqa mill-pilota-sid tkun ivvalutata u l-programm ta' manutenzjoni jinbidel biex, jekk ikun hemm il-ħtieġa, il-ħidma tal-pilota-sid tiġi adattata skond il-kapaċitajiet effettivi tiegħu jew tagħha.

h) Jittaffa l-piż żejjed ta' l-obbligi ta' superviżjoni (Sistemi ta' Kwalità / Reviżjonijiet Organizzattivi)

30. Ir-rekwiżiti ta' l-approvazzjoni li CAMO teżiġi, b'mod partikolari l-ħtieġa ta' verifiki interni / esterni jew eżamijiet organizzattivi interni, huma meqjusa minn xi wħud bħala sproporzjonati minħabba li, fl-opinjoni tagħhom, CAMO hija kkonċernata biss minn funzjonijiet burokratiċi li ma jinvolvux xogħol effettiv fuq l-inġenji. Konsegwentement, jissuġġerixxu li l-verifiki mwettqa mill-awtorità kompetenti għandhom ikunu biżżejjed. L-Aġenzija trid l-ewwelnett tiċċara li l-ġestjoni tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru hija importanti għas-sigurtà ta' l-inġenji daqs kemm hi l-manutenzjoni effettiva mwettqa fuqhom. Jekk il-kompiti fuq il-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ma jitwettqux kif xieraq, mingħajr l-iċken dubju jkun jeżisti r-riskju li ma tkunx twettqet il-manutenzjoni kollha meħtieġa. Dan għalhekk irid jittieħed bis-serjetà u dawk responsabbli m'għandhomx jingħataw privileġġi f'dan il-qasam mingħajr ma ssir verifika bir-reqqa li huma kapaċi jħaddmu dawn il-privileġġi b'mod xieraq.

31. F'dan il-kuntest, is-serħan biss fuq il-verifiki mwettqa mill-awtorità kompetenti mhux meqjus bħala aċċettabbli għal dawn ir-raġunijiet:

- Il-privileġġi kollha mogħtija lil CAMO (l-istess bħall-privileġġi mogħtija lill-organizzazzjonijiet M.A.Sottoparti F, il-Parti 145 u l-Parti 147) huma bbażati fuq il-fatt li jeżisti proċess intern li jissorvelja l-konformità mar-regolamenti. Dan il-monitoraġġ jitwettaq permezz ta' eżamijiet organizzattivi jew permezz ta' sistema ta' kwalità, skond id-daqs ta' l-organizzazzjoni.
- Is-sistema ta' kwalità hija fundamentali meta l-organizzazzjoni ssir kumplessa, għaliex f'dak il-punt jinbtu bosta proċeduri ta' xogħol u tibda tinħass il-ħtieġa li tiġi żgurata komunikazzjoni xierqa bejn id-dipartimenti u l-funzjonijiet differenti.
- L-organizzazzjoni hija l-unika entità li għandha għarfien kontinwu tal-problemi, id-diffikultajiet u n-nuqqas ta' konformità eżistenti, u l-unika entità li tista' tiżgura azzjoni u miżuri ta' segwitu korrettivi xierqa.

32. Madankollu, l-Aġenzija tirrikonoxxi l-fatt li r-rekwiżiti ta' approvazzjoni organizzattiva għandhom ikunu proporzjonali għad-daqs u kumplessità ta' l-organizzazzjoni. L-Aġenzija ser temenda l-Appendiċi VIII ta' l-AMC M.A.616 f'dan is-sens u ser toħloq Appendiċi XIII ġdid ta' l-AMC M.A.712(f) biex id-dispożizzjonijiet tagħhom jiġu adattati għall-kumplessità ta' livell aktar baxx ta' organizzazzjonijiet M.A.Sottoparti F u M.A.Sottoparti G. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija trid tfakkar ukoll li, kuntrarju għal dak li jidher li hija l-fehma ta' ħafna partijiet interessati, ir-regolament ma jobligax lill-persunal responsabbli mill-eżaminar tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà biex ikun indipendenti, anqas fil-każ ta' organizzazzjonijiet akbar minn CAMO b'persuna waħda.

i) Previżjoni għall-approvazzjoni inizjali ta' CAMO fl-assenza ta' programm ta' manutenzjoni approvat

33. L-approvazzjoni inizjali ta' CAMOs indipendenti (mhux marbuta ma' detentur ta' AOC) ġiet possibbilment identifikata bħala kwistjoni li tixbah lil tat-"tiġieġa u l-bajda" billi meta ma jkollhiex kuntratti ma' klijenti, il-CAMO ma tkunx, għaldaqstant, tista' tikseb l-approvazzjoni meħtieġa biex toffri s-servizzi tagħha. Din il-problema tista' tinqala' minħabba l-fatt li:

- Il-Formola 14 li bħalissa tinsab fl-Appendiċi VI tal-Parti M tinkludi r-referenza għall-programm ta' manutenzjoni u
- Ma jeżistu ebda gwida jew AMC li jfissru x'inhu aċċettabbli bħala referenza għal programm ta' manutenzjoni fil-Formola 14.

Konsegwentement, xi wħud mill-awtoritajiet kompetenti jqisu li hu neċessarju li l-Formola 14 tkun tinkludi programmi ta' manutenzjoni speċifiċi għal kull inġenju ta' l-ajru partikolari taħt is-sorveljanza ta' l-applikant. Din l-interpretazzjoni partikolari ma tirrikonoxxix il-possibbiltà li ssir referenza għal "programmi ta' manutenzjoni ġeneriċi" li jkopru tipi u mudelli ta' inġenji differenti.

34. L-Aġenzija trid l-ewwelnett tfakkar li din l-interpretazzjoni mhijiex sostnuta mir-regola jew l-AMCs. Barra minn hekk, mhix l-intenzjoni ta' l-Aġenzija li timponi fuq CAMOs indipendenti l-obbligu li jikkonkludu kuntratt ma' klijent qabel ma jkunu jistgħu japplikaw għall-approvazzjoni. Fil-fatt, l-Aġenzija temmen li kwalunkwe organizzazzjoni għandha tkun tista' tikseb l-approvazzjoni sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħmel kuntatt ma' klijent li jkollu kuntratt ma' organizzazzjoni oħra, sabiex is-sidien u l-operaturi jkollhom iżjed minn għażla waħda. Bħala konsegwenza:

- L-M.A.709 huwa emendat biex jinkludi l-kunċetti ta' programmi ta' manutenzjoni "Linja bażi" u "Ġeneriċi", bl-idea ċara li l-intenzjoni hi li l-approvazzjoni ta' CAMOs indipendenti

hija permessa mingħajr il-ħtieġa ta' klijenti. L-AMC M.A.709 ser jiġi adattat biex ikompli jiċċara dan il-kunċett.

- L-Appendiċi VI tal-Parti M ġie emendat kif ġej:
 - Titneħħa r-referenza għall-programm ta' manutenzjoni fil-Formola 14; id-dispożizzjonijiet relatati huma ttrasferiti għall-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà.
 - Titħalla l-inklużjoni tat-tipi, is-serji jew il-gruppi ta' inġenji ta' l-ajru fil-Formola 14. Dan jiġi ċċarat aktar fl-AMC M.B.703.
 - Il-Formola 14 tiġi adattata aħjar għall-każ meta operatur tat-trasport kummerċjali bl-ajru jkun ukoll qed iwettaq attivitajiet ta' ġestjoni tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà għal inġenji mhux involuti fit-trasport kummerċjali ta' l-ajru.

j) Kjarifika tal-kundizzjonijiet għall-manutenzjoni tal-komponenti u kompiti kumplessi

35. Skond ir-regola attwali, il-manutenzjoni tal-komponenti għandha titwettaq minn organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni approvati li huma d-detenturi ta' klassifika korrispondenti għall-komponenti. L-unika eċċezzjoni tkun meta komponent jingħata manutenzjoni waqt li jkun installat fl-inġenji jew meta jitneħħa temporanjament mill-inġenju jekk dan ikun espressament permess mill-manwal tal-manutenzjoni ta' l-inġenju biex jinkiseb aċċess aħjar, f'liema każ il-manutenzjoni tkun tista' titwettaq minn persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika. Ukoll, ħidma ta' manutenzjoni kumplessa (l-Appendiċi VII) trid titwettaq minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata.

36. Dawn id-dispożizzjonijiet iqanqlu bosta mistoqsijiet u tħassib fost persuni rregolati u awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari:

- Ma jissemmiex jekk il-manutenzjoni għandhiex titwettaq skond dejta ta' manutenzjoni ta' l-inġenji jew il-komponenti. Dan jista' jwassal għall-opinjoni li kwalunkwe manutenzjoni tal-komponenti tista' titwettaq minn persuna indipendenti bl-awtorità li tiċċertifika jekk il-komponent jibqa' installat fil-inġenju ta' l-ajru (pereżempju: l-ispezzjoni tas-sezzjoni taħraq ta' magna tat-turbini).
- It-test ma jindikax liema tip ta' liċenzja jew kwalifika (inġenji ta' l-ajru jew komponenti) hi meħtieġa minn persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika meta jwettaq manutenzjoni fuq komponenti.
- It-test mhux ċar dwar liema tip ta' rilaxx għas-servizz għandu jinħareġ f'kull każ (rilaxx tal-Formola 1 jew rilaxx ta' l-inġenji).
- Mhemmx distinzjoni fir-rigward tal-kumplessità ta' l-inġenji ta' l-ajru kkonċernati.

37. Sabiex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, l-M.A.502, l-M.A.613(a), l-M.A.802(a)&(b), il-Parti M Appendiċi IV "Valutazzjoni ta' l-Approvazzjonijiet" u l-Parti-145 Appendiċi II "Klassijiet ta' approvazzjoni u sistema ta' definizzjoni ta' l-organizzazzjoni" ġew emendati kif ġej:

- Permess għall-manutenzjoni ta' komponent minn persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika kklassifikat għall-inġenji ta' l-ajru u organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni kklassifikati għall-inġenji ta' l-ajru (Klassifikazzjoni A) meta l-komponent hu installat fl-inġenju ta' l-ajru jew huwa temporanjament imneħħi minnu, sakemm il-manutenzjoni titwettaq skond id-dejta ta' manutenzjoni għall-inġenji ta' l-ajru jew, jekk l-awtorità taqbel speċifikament, skond id-dejta ta' manutenzjoni tal-komponenti (għall-manutenzjoni ta'

komponenti sempliċi). Din il-manutenzjoni ma tikkwalifikax għall-ħruġ tal-Formola 1 u hi soġġetta għar-rekwiżiti tar-rilaxx ta' l-inġenji ta' l-ajru.

- Permess għall-manutenzjoni ta' komponent minn organizzazzjonijiet ikklassifikati għall-APU (*Auxiliary Power Unit*) jew għall-magni (Klassifikazzjoni B) meta l-komponent hu installat fil-magna jew l-APU jew huwa temporanjament imneħħi minnhom, sakemm il-manutenzjoni titwettaq skond id-dejta ta' manutenzjoni għall-magni jew l-APU jew, jekk l-awtorità taqbel speċifikament, skond id-dejta ta' manutenzjoni tal-komponenti (għall-manutenzjoni ta' komponenti sempliċi).
- Permess għall-inġenji ELA1, biex persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika kklassifikat għall-inġenji ta' l-ajru jwettaq:
 - Manutenzjoni tal-komponent skond id-dejta ta' manutenzjoni tal-komponenti meta l-komponent hu installat fl-inġenju ta' l-ajru jew huwa temporanjament imneħħi minnu. Dan mhux applikabbli għat-tiswija ġenerali (*overhaul*) tal-komponenti.
 - Fidma kumplessa elenkata fl-Appendiċi VII, soġġett għal ftehim minn qabel bejn is-sid u l-awtorità kompetenti.
- Permess għal inġenji CS-VLA, CS-22 u LSA, biex persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika kklassifikat għall-inġenji ta' l-ajru jwettaq tiswija ġenerali tal-magni, soġġett għal ftehim minn qabel bejn is-sid u l-awtorità kompetenti. Dan hu applikabbli biss għal magni temporanjament imneħħija mill-inġenji biex tkun tista' ssir it-tiswija ġenerali, u li mbagħad jerġgħu jiġu installati mill-ġdid wara li titlesta t-tiswija u jsir rilaxx għas-servizz flimkien ma' l-inġenju ta' l-ajru. Ma tistax tinħareġ il-Formola 1 EASA.

k) Ikun permess it-trasferiment lura lis-sid ta' komponenti li m'għadhomx utli

38. Ir-regola attwali teżiġi li l-komponenti li m'għadhomx utli jinżammu taħt il-kontroll ta' organizzazzjoni ta' manutenzjoni għall-komponenti sakemm tittieħed deċiżjoni dwar jekk għandhomx jissewwew jew jiġux skrappjati. Dan ir-rekwiżit mhux konsistenti mal-flessibbiltà mdaħħal minn din l-Opinjoni. Jeħtieġ għalhekk li l-privileġġi ta' kustodja jiġu estiżi għal kwalunkwe organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata (approvata għall-komponenti jew għall-inġenji ta' l-ajru) u għas-sid ta' l-inġenju ta' l-ajru. F'dan il-każ ta' l-aħħar, il-komponent irid jiġi identifikat qabel bħala komponent li m'għadux utli u t-trasferiment lis-sid irid jiġi rreġistrat fil-ġurnal ta' abbord korrispondenti. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.504(b).

l) Hoqkien ta' liċenzja ġdida u aktar sempliċi għall-persunal inkarigat mill-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru

39. L-opinjoni jiet ta' reazzjoni li rċeviet l-Aġenzija indikaw li r-rekwiżiti għal kwalifika għall-liċenzja B1.2 huma ibsin wisq għall-ispettru inqas kumpless ta' l-ajruplani b'magni bil-pistun. Barra dan, ma teziġ liċenzja Ewropea li tkopri l-glajders u l-blalen ta' l-ajru. Din il-ħtieġa għal liċenzja Ewropea li hija adattata b'mod xieraq għall-komunità ta' l-Avjazzjoni Ġenerali ta' l-inġenji ta' l-ajru ġiet ukoll identifikata permezz ta' l-A-NPA14/2006.

Din qed tiġi kkunsidrata preżentement fl-ambitu tal-kompitu 66.022 tar-regolamentazzjoni b'NPA2008-03 attwalment sottomess għal konsultazzjoni esterna.

m) Ħruġ ta' rekwiżiti b'piż imtaffi għall-persunal inkarigat mill-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u ta' proċeduri ssimplifikati għat-twettiq ta' l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u kif ukoll il-ħruġ ta' ċertifikati ta' reviżjoni ta' l-ajrunavigabbiltà (ARC – Airworthiness Review Certificate/s)

40. Is-sitwazzjoni ta' inġenji ta' l-ajru rreġistrati fi Stat Membru ta' l-UE u operati taħt is-sorveljanza ta' pajjiż terz, fejn is-sorveljanza tas-sigurtà regolatorja ma ġietx iddelegata lill-pajjiż terz, trid tiġi kkjarifikata. Billi l-parti l-kbira ta' dawn l-inġenji huma inġenji kbar, jeħtieġ li jkunu ġestiti minn CAMO, li fil-parti l-kbira mill-każi tkun CAMO minn pajjiż terz; id-dispożizzjonijiet attwali tal-Parti M ma jippermettux lil dawn il-CAMOs jippubblikaw ARCs. Filwaqt li l-Aġenzija tikkunsidra l-possibbiltà li teżamina din ir-restrizzjoni fid-dawl tat-Trattat ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, dan ma kienx parti mill-kompitu attwali tar-regolamentazzjoni u għalhekk ser jiġi pproċessat f'kompitu separat meta jasal il-waqt xieraq. Bħala soluzzjoni temporanja, l-M.A.901 ġie emendat kif ġej:

- Il-CAMO li tiġġestjona l-inġenju tista' testendi l-ARC maħruġ minn CAMO oħra jew mill-awtorità kompetenti, sakemm dan l-inġenju jkun jinsab f'ambjent ikkontrollat. Dan hu applikabbli wkoll jekk il-CAMO m'għandhiex privileġġi biex twettaq eżamijiet ta' ajrunavigabbiltà u biex toħroġ l-ARCs. Dan hu bbażat fuq il-fatt li biex testendi ARC mhux meħtieġ li twettaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u li jkollok persunal biex iwettaq dan. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.711(a)4 u l-M.A.901(f).
- Din il-miżura hi bbażata fuq il-fatt li, sabiex ARC jiġi estiż, mhux meħtieġ li jitwettaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà imma biss li jiġi vverifikat li l-inġenju ta' l-ajru jkun qagħad f'ambjent ikkontrollat. Konsegwentement, mhemmx il-ħtieġa ta' persunal biex iwettaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà.
- L-awtorità kompetenti tista' twettaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u tippubblika l-ARC għal inġenji ta' l-ajru li mhumiex involuti fi trasport kummerċjali bl-ajru u li huma ġestiti minn CAMO minn pajjiż terz. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.901(i).

B'dawn il-miżuri, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni tista' twettaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u tippubblika ARC. Barra minn hekk, dan hu meħtieġ li jsir biss darba kull 3 snin, għaliex il-CAMO barrani jista' jestendi l-ARC maħruġ minn din l-awtorità kompetenti jekk l-inġenju ta' l-ajru jkun jinsab f'ambjent ikkontrollat.

Barra dan, l-Artikolu 7, il-paragrafu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 ġie emendat sabiex jinkludi perjodu ta' deroga sat-28 ta' Settembru 2009 għall-obbligu biex tiġi kkuntrattata CAMO għal dawn l-inġenji l-kbar imsemmija hawn fuq (użati minn operaturi ta' pajjiż terz).

41. L-Aġenzija tinnota li d-dispożizzjoni mdaħħla fl-M.A.711(a)4 u l-M.A.901(f), kif imfisser aktar 'il fuq, hi applikabbli għall-inġenji ta' l-ajru kollha, inklużi dawk użati fit-trasport kummerċjali bl-ajru. L-għan ta' dan hu li l-CAMO li tiġġestjona l-inġenji titħalla testendi l-ARC maħruġ mill-awtorità kompetenti fiż-żmien tal-ħruġ taċ-ċertifikat inizjali ta' l-ajrunavigabbiltà għal inġenju ta' l-ajru impurtat lejn l-UE.

42. Il-kjarifika u s-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet marbuta mat-twettiq ta' l-eżamijiet ta' l-ajrunavigabbiltà u l-ħruġ taċ-ċertifikat ta' revizzjoni ta' l-ajrunavigabbiltà (ARC) huma konsegwenza meħtieġa tal-flessibbiltà msaħħa mdaħħla fil-Parti M għall-inġenji ta' l-ajru li mhumiex operati kummerċjalment, b'mod partikolari l-inġenji ż-żgħir. Għal din ir-raġuni, din l-Opinjoni tintroduċi l-emendi li ġejjin:

- Għall-inġenji ta' l-ajru ġodda kollha prodotti fl-UE, l-ARC inizjali għandu jinħareġ flimkien maċ-ċertifikat inizjali ta' l-ajrunavigabbiltà hekk kif tkun inkisbet konformità ma' 21A.183, il-paragrafu 1. Mhux meħtieġ eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.901(k).

- Għall-inġenji ta' l-ajru mhux użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru barra mill-inġenji l-kbar, is-sid jista' jikkuntratta lil kwalunkwe CAMO għall-iżvilupp u l-approvazzjoni indiretta tal-programm ta' manutenzjoni, ukoll jekk l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenju ta' l-ajru ma tkunx ġestita minn CAMO. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.201(e).
- Għall-inġenji ta' l-ajru ta' MTOM ta' 2730 Kg jew anqas u għall-blalen ta' l-ajru, li mhumiex użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru:
 - Rekwiżiti mħaffa għall-kwalifika tal-persunal ta' l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà, kemm fir-rigward tal-CAMO u kif ukoll ta' l-awtorità kompetenti. Dan jinkludi rekwiżiti mnaqqsa fejn tidħol l-esperjenza u l-possibbiltà ta' sostituzzjoni ta' taħriġ formali b'valutazzjoni ta' kompetenza. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.707(a)2 u l-M.B.902(b)2.
 - Is-sid jista' jiddeċiedi li jkollu l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà magħmul u l-ARC maħruġ mill-awtorità kompetenti jew minn kwalunkwe CAMO approvata kif xieraq, mingħajr ma jkollha tagħmel differenza bejn l-inġenji li ma jkunux jinsabu f'ambjent ikkontrollat u dawk li jkunu. Din l-emenda ddaħħlet fl-M.A.901(h)2.
- Għall-inġenji ta' l-ajru ELA1:
 - Il-persunal indipendenti awtorizzati li jiċċertifika, aċċettat mill-awtorità kompetenti, jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet għal ARC. Dan iddaħħal fl-M.A.901(g).

n) Dispożizzjonijiet tranżitorji

43. Din il-ġabra emendata ta' regoli mfissra hawn fuq tista' ssir effettiva biss hekk kif tiġi approvata mill-Kummissjoni. Madankollu, meta jitqies li:

- l-iskadenza attwali għall-implimentazzjoni tal-Parti M għall-inġenji ta' l-ajru li mhumiex involuti fit-trasport kummerċjali bl-ajru hi t-28 ta' Settembru 2008,
- il-parti l-kbira ta' l-organizzazzjonijiet żammew lura milli japplikaw għall-approvazzjoni ta' l-M.A.Sottoparti F u l-M.A.Sottoparti G sakemm kellhom stampa ċara tat-tibdiliet imdaħħla fil-Parti M għall-Avjazzjoni Ġenerali, u
- l-awtoritajiet kompetenti mhux ser ikunu jistgħu jtemmu l-investigazzjonijiet korrispondenti u joħroġu ċ-ċertifikati ta' approvazzjoni qabel id-data ta' skadenza tat-28 ta' Settembru 2008,

l-Aġenzija dehrilha li kien meħtieġ li tipprovdi għal arranġamenti tranżitorji xierqa għal dawk id-dispożizzjonijiet li għal raġuni soda ma setgħu jiġu implimentati qabel it-28 ta' Settembru 2008, sabiex l-organizzazzjonijiet u l-awtoritajiet milquta jkollhom iż-żmien meħtieġ biex jimplementawhom, filwaqt li l-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru titħalla taħt ir-regoli nazzjonali.

44. Dawn il-miżuri tranżitorji, li huma mdaħħla fir-regolamentazzjoni proposta li temenda d-dispożizzjonijiet tranżitorji tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, jipprevedu:

- a) Għall-inġenji ta' l-ajru li mhumiex użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru:
- Il-possibbiltà għall-awtoritajiet kompetenti u l-CAMOs nazzjonali li joħroġu/jestendu sa wara t-28 ta' Settembru 2008 massimu ta' darbtejn (fil-każ ta' l-NAA) jew darba waħda biss (fil-każ ta' CAMO nazzjonali), b'sena f'kull każ, iċ-ċertifikat ta' l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà b'konformità mar-rekwiżiti ta' l-Istati Membri. (Irreferi għall-Artikolu 3, il-punt 5 tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)

- o Il-possibbiltà għall-Istat Membru li sat-28 ta' Settembru 2009 li jkun jista' jidderoga mill-obbligu li jagħmel kuntratt ma' CAMO (għal inġenji ta' l-ajru kbar użati minn operator ta' pajjiż terz). (Irreferi għall-Artikolu 7, il-punt 3(a) tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)
- b) Għall-inġenji ta' l-ajru li mhumiex użati għal transport kummerċjali bl-ajru barra mill-inġenji kbar, sat-28 ta' Settembru 2009:
- o Il-kompiti ta' ġestjoni marbuta mal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà jistgħu jitwettqu minn CAMO approvata b'konformità mar-rekwiżiti ta' l-Istat Membru. (Irreferi għall-Artikolu 3, il-punt 4 tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)
 - o Il-manutenzjoni u r-rilaxx għas-servizz ta' inġenji ta' l-ajru u komponenti jistgħu jitwettqu minn organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata b'konformità mar-rekwiżiti ta' l-Istat Membru. (Irreferi għall-Artikolu 4, il-punt 4 tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)
 - o Il-possibbiltà għall-Istat Membru li jkun jista' jidderoga mill-obbligu li jagħmel kuntratt ma' CAMO jew ma' organizzazzjoni ta' manutenzjoni approvata (għal inġenji ta' l-ajru milquta mill-M.A.201(i)). (Irreferi għall-Artikolu 7, il-punt 3(a) tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)
 - o Il-possibbiltà li jintużaw programmi ta' manutenzjoni nazzjonali ekwivalenti. (Irreferi għall-Artikolu 3, il-punt 6 tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)
 - o Il-possibbiltà li jitkompla l-użu ta' persunal awtorizzat li jiċċertifika kkwalfikat b'konformità mar-rekwiżiti ta' l-Istati Membri (Irreferi għall-Artikolu 5, il-punt 1 tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)
 - o Iċ-ċertifikati tar-rilaxx għas-servizz maħruġa mill-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni b'konformità mar-rekwiżiti ta' l-Istati Membri jitqiesu ekwivalenti għal dawk maħruġa taħt l-M.A.801 u l-M.A.802. (Irreferi għall-Artikolu 4, il-punt 4 tar-Regolament emendat (KE) Nru 2042/2003)

L-Aġenzija tinnota li s-sidien/l-operaturi ta' inġenji ta' l-ajru kbar li mhumiex użati għal transport kummerċjali bl-ajru (barra mill-operaturi ta' pajjiżi terzi) huma obbligati li jikkuntrattaw is-servizzi ta' CAMO mit-28 ta' Settembru 2008 'l quddiem.

45. Matul il-perjodu għall-kummenti dwar l-NPA, Stat Membru partikolari talab għal perjodu tranżitorju ta' 3 snin li matulu l-persunal li huwa awtorizzat jiċċertifika kkwalfikat b'konformità mar-regoli nazzjonali jkun jista' jkompli jeżerċita l-privileġġi tiegħu biex b'hekk jittaffa l-impatt ta' l-irtirar ta' persunal attwali bl-awtorità li jiċċertifika filwaqt li jitqies il-fatt li l-liċenzji B3 u ELA mhux ser ikunu disponibbli għal perjodu ta' żmien sostanzjali. L-Aġenzija hi tal-fehma li dan il-każ speċifiku m'għandux jiġi indirizzat permess tat-tiswir tar-regolamentazzjoni u tissuġġerixxi minflok li jsir użu mid-dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku.

IV. Valutazzjoni ta' l-Impatt Regulatorja

46. Kif diġà ssemma fil-kapitolu II aktar 'il fuq, il-valutazzjoni ta' l-impatt regulatorja inizjali ta' l-implimentazzjoni tal-Parti M twettqet mill-konsulent Air EuroSafe. Ir-risultat kien ir-rapport 2004/S 122-102598 dwar il-valutazzjoni ta' l-impatt regulatorja maħruġ minn dan il-konsulent fit-21 ta' Frar 2005, u li ġie ppubblikat bħala l-Appendiċi II tal-NPA07/2005. F'dan ir-rapport tidher lista ta' paragrafi li għandhom jinbidlu, flimkien ma' l-analiżi ta' l-impatti korrispondenti.

Il-konklużjoni kienet li t-tibdil previst kellu impatt pożittiv fuq il-persuni regolati filwaqt li l-livell ta' sigurtà baqa' invarjat, u dan it-tibdil kien propost biex ikun parti mill-NPA07/2005 (il-kompitu M.007).

47. Madankollu, billi dan il-kompitu kien supplimentat mill-kompiti M.005 u M.017 sabiex jiġi propost tibdil addizzjonali fil-Parti M u sabiex jiġi prodott materjal għall-AMC/GM, twettqu valutazzjonijiet ta' l-impatt regolatorji ulterjuri dwar dawn is-suġġetti:
- Il-kwalifika ta' persunal għall-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà għall-inġenji ta' l-ajru ta' MTOM ta' 2730 Kg jew anqas li mhumiex użati għal transport kummerċjali bl-ajru (kemm fejn għandhom x'jaqsmu l-organizzazzjonijiet M.A. Sottoparti G u kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti).
 - Il-ħruġ u t-tiġdid ta' Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà.
 - Is-subappaltar ta' servizzi speċjalizzati mill-organizzazzjonijiet M.A. Sottoparti F.
 - Il-manutenzjoni tal-pilota-sid.
48. Dawn l-impatti ġew ivvalutati bir-reqqa fl-NPA2007-08 u l-konklużjoni kienet li, ħlief fil-każ tal-"ħruġ u t-tiġdid ta' Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", it-tibdil previst jew ma kellu ebda impatt jew kellu impatt pożittiv fuq is-setturi kollha milquta.
49. Fil-każ partikolari tal-"ħruġ u t-tiġdid ta' Ċertifikat ta' Reviżjoni ta' l-Ajrunavigabbiltà", l-għażla li saret kienet li s-sid jitħalla jiddeċiedi hu jekk l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u l-ħruġ ta' l-ARC jitwettqux minn CAMO jew mill-awtorità kompetenti. Dan ikun japplika għall-inġenji ta' l-ajru ta' MTOM ta' 2730 Kg jew anqas li mhumiex użati għal transport kummerċjali bl-ajru. Mingħajr dubju, din kienet l-għażla favorita tar-rappreżentanti kollha ta' l-industrija. Għall-kuntrarju ta' dan, il-parti l-kbira tar-rappreżentanti ta' l-awtoritajiet kompetenti argumentaw li hekk kienet ser issir impożizzjoni fuqhom ta' piż mhux kwantifikabbli billi huma ma kinux f'pożizzjoni li jevalwaw jekk il-persuni regolati kinux ser iħaddmu lilhom jew lill-CAMOs għat-tiġdid ta' l-ARCs; konsegwentement, kien hemm ir-riskju li jimpjegaw aktar jew anqas persunal addizzjonali milli jkun hemm bżonn. Madankollu l-Aġenzija ddeċidiet favur din l-għażla għaliex tipprovdi aktar flessibbiltà lis-sid u wkoll toffri promozzjoni ulterjuri għall-avjazzjoni ġenerali. Barra minn hekk, l-Aġenzija hi tal-fehma li s-suq għandu jaġġusta lill-nnifsu b'mod rapidu biex b'hekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jidentifikaw b'mod xieraq kemm jeħtieġu persunal.
50. Rigward is-suġġett tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' inġenji ta' l-ajru rreġistrati fi Stat Membru ta' l-UE u operati taħt is-sorveljanza ta' pajjiż terz, fejn is-sorveljanza tas-sigurtà regolatorja ma ġietx delegata lill-pajjiż terz, l-Aġenzija sabet li l-maġġoranza kbira ta' l-inġenji affettwati huma rreġistrati fi Franza. Skond informazzjoni li waslet mingħand DGAC (Franza) fis-16 ta' Mejju 2007, kien hemm 66 inġenju ta' l-ajru kbar, operati minn 19-il operatur minn pajjiżi terzi f'16-il pajjiż barra mill-UE.
- Din il-kwistjoni indirizzaha t-tibdil propost għall-M.A.711(a)4, l-M.A.901(f), l-M.A.901(i) u l-Artikolu 7, il-paragrafu 3(a) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

Cologne, 15 ta' Mejju 2008

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv

ANNEX: Reazzjonijiet għas-CRD2007-08

Reazzjonijiet ġenerali:

- (1) "European Sailplane Manufacturers" u persuna oħra insistew fuq il-possibbiltà għas-sidien li jagħżlu liberament bejn il-Parti M u r-rekwiżiti nazzjonali, u sostnew dan bil-fatt li hu meħtieġ li r-rekwiżiti nazzjonali għandhom jinżammu għall-inġenji ta' l-ajru fl-Anness II u li l-għadd ta' inġenji fl-Anness II mhumiex żgħir.

B'żieda mat-tweġibiet li diġà ngħataw fis-CRD2007-08, l-Aġenzija tixtieq tagħmel osservazzjoni li l-eżistenza ta' l-Anness II ma tiġġustifikax l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali għall-inġenji li mhumiex inklużi f'dan l-Anness.

Barra dan, kif stabbilit fil-premessa (5) tar-Regolament Bażiku, *"għandhom jittieħdu miżuri proporzjonati biex jiżdied b'mod ġenerali l-livell ta' sikurezza ta' l-avjazzjoni għar-rikreazzjoni. B'mod partikolari għandha tingħata konsiderazzjoni lil ajruplani u ħelikopters b'massa tat-tluġħ massima baxxa u li r-rendiment tagħhom qed jiżdied, li jistgħu jiċċirkolaw madwar il-Komunità kollha u li qed jiġu prodotti b'mod industrijali. Dawn jistgħu għalhekk ikunu regolati aħjar fil-livell Komunitarju biex jiġu stipulati l-livell uniformi ta' sikurezza u l-protezzjoni ambjentali meħtieġa"*.

Bħala konsegwenza ta' dan, ma jistax ikun hemm garanzija li dawn l-inġenji ta' l-ajru fl-Anness II ser jibqgħu fejn huma issa permanentement.

- (2) Għalkemm ma tintlaqatx mir-Regolamenti attwali ta' l-UE il-"European Microlight Federation" (EMF) esprimiet nuqqas ta' qbil mal-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-Aġenzija fis-CRD2007-08 biex issostni l-emenda prevista għar-regolamenti. Barra li mhix kuntenta bil-Parti M kif prevista, l-EMF tinsab imħassba dwar ir-riżultati ġejjiena tal-kompitu MDM.032.

Konsegwentement, l-EMF esprimiet xewqa qawwija biex l-inġenji ta' l-ajru ta' anqas minn MTOM ta' 450 kg jibqgħu fl-Anness II, kif inhuma attwalment.

L-Aġenzija tistqarr, kif diġà stqarret aktar 'il fuq, li ma jistax ikun hemm garanzija li l-inġenji ta' l-ajru kollha li attwalment jinsabu fl-Anness II ser jibqgħu hemm fuq bażi permanenti.

Madankollu, l-Aġenzija hi tal-fehma li l-iskema proposta għall-Parti M f'din l-Opinjoni tista', mal-milja ta' l-esperjenza, tispiċċa biex tkun attraenti għall-komunità tal-Microlight. Barra minn hekk, il-kompitu marbut ma' l-MDM.032 għadu għaddej u ser isir kull sforz biex jiġu adottati r-regoli għall-kumplessità aktar baxxa ta' l-Avjazzjoni Ġenerali.

L-Aġenzija ser tagħti lill-EMF direttament tweġiba dettaljata għar-reazzjoni tagħha.

- (3) Persuna waħda kkummentat li, kif tifhimha hi, il-fażi ta' konsultazzjoni tas-CRD tikkorrispondi għall-Fażi 5 tal-Proċess tar-Regolamentazzjoni kif jidher fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija u, fis-sens strett tal-kelma, il-konsultazzjoni għandha ttul għal 3 xhur.

L-Aġenzija tinnota li l-Fażi 5 "Perjodu għall-kummenti u l-eżaminar" jikkorrispondi mal-perjodu bejn it-tmiem tal-konsultazzjoni esterna ta' l-NPA u l-ħruġ tas-CRD.

Il-perjodu ddedikat għar-reazzjonijiet għas-CRD jikkorrispondi għall-Fażi 6 "Adozzjoni u pubblikazzjoni". L-Aġenzija ma tistax tippubblika l-Opinjoni/id-Deċiżjoni finali aktar kmieni minn xahrejn wara l-ħruġ tas-CRD biex tippermetti li jkun hemm żmien biżżejjed għar-reazzjonijiet. Dan ġie stabbilit fil-paragrafu 6 (paġna 3) tas-CRD2007-08 u huwa pass addizzjonali li ma jeżistix f'ħafna mill-proċessi ta' regolamentazzjoni.

- (4) Persuna waħda staqsiet fejn tista' ssib il-lista ta' l-organizzazzjonijiet approvati skond il-Parti M.

L-Aġenzija tinnotta li l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet M.A. Sottoparti F u M.A. Sottoparti G li jinsabu fl-UE hija r-responsabbiltà sħiħa ta' l-Istati Membri u, fis-sens strett tal-kelma, dawn l-Istati Membri huma responsabbli għal-listi korrispondenti ta' l-organizzazzjonijiet approvati.

Fil-każ ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ir-responsabbiltà taqa' f'idejn l-EASA, u l-lista ta' l-organizzazzjonijiet approvati ser titqiegħed fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija.

Reazzjonijiet għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 u r-Regoli Implimentattivi:

- (1) CAA (tar-Renju Unit) u ENAC (ta' l-Italja) pproponew li r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 jiġi allinjat mar-Regolament Bażiku, b'mod partikolari, il-klawsoli ta' applikabbiltà, in-numru tar-regolament u r-referenza għal "*inġenji ta' l-ajru kumplessi mħaddma b'magna*" minflok "*inġenji ta' l-ajru kbar*".

L-Aġenzija tinnotta li dan l-allinjament ser jitwettaq bħala parti mill-kompitu MDM.044 fuq ir-regolamentazzjoni, u dan jinkludi l-fażijiet ta' konsultazzjoni xierqa. Uħud minn dawn it-tibdiliet għandhom impatt li jeħtieġ evalwazzjoni u ma jistgħux jiddaħħlu issa bħala parti minn din l-Opinjoni.

Madankollu, l-Aġenzija ssostitwiet ir-referenza għar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 li tidher fil-Formola 15a u l-Formola 15b bir-referenza ġdida għar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

Sadattant, kwalunkwe referenza eżistenti oħrajn għar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' l-użu ta' l-Artikolu 69(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, li jstabilixxi li r-referenzi għar-Regolament imħassar (KE) Nru 1592/2002 għandhom jitqiesu bħala referenzi magħmula għar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

- (2) FOCA (ta' l-Iżvizzera) talbet lill-EASA tagħti interpretazzjoni dwar jekk ballun ta' l-ajru jstax jopera taħt ir-regoli tat-trasport kummerċjali bl-ajru jew le, bil-għan li jiġi ċċarat ma' liema dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 għandu wieħed jikkonforma f'dan il-każ.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li l-kwistjoni prinċipali mhijiex jekk il-blalen ta' l-ajru jistgħux joperaw bħala "trasport kummerċjali bl-ajru" jew le, imma jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 marbuta mat-"trasport kummerċjali bl-ajru" humiex applikabbli għalihom jew le.

L-Artikolu 1, il-paragrafu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 jistipula li "*id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament rigward it-trasport kummerċjali bl-ajru huma applikabbli għat-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati kif imfissra bid-dritt komunitarju*".

Konsegwentement, ir-regolamentazzjoni applikabbli hi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2407/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar liċenzjar ta' *air carriers* (trasportaturi ta' l-ajru).

Fil-każ partikolari tal-blalen ta' l-ajru, dawn huma esklużi minn dan ir-Regolament Nru 2407/92 fuq il-bażi ta' l-Artikolu 1, il-paragrafu 2, li jidher f'dan l-istess regolament u, b'konsegwenza ta' dan, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 marbuta mat-"trasport kummerċjali bl-ajru" attwalment mhumiex applikabbli għalihom.

Madankollu, is-sitwazzjoni tista' tinbidel fil-ġejjieni qrib meta jiġu ppubblikati r-Regoli Implimentattivi li jkopru r-rekwiżiti operattivi għall-inġenji ta' l-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali. Dan jista' jwassal għall-ħtieġa ta' emenda għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003.

- (3) AustroControl ipproponiet l-allinjament tad-definizzjonijiet ta' "l-inġenji ta' l-ajru ELA1" mogħtija fis-CRD2007-08, l-NPA2008-03 u l-NPA2008-07. Barra dan, "European Sailplane Manufacturers", "British Balloon u Airship Club" u żewġ persuni pproponew xi emendi għad-definizzjoni ta' "inġenji ta' l-ajru ELA1".

L-Aġenzija tinnota li d-definizzjoni ta' "inġenji ta' l-ajru ELA1" li ser tiddaħħal f'din l-Opinjoni, fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, hi identika għal dik proposta fl-NPA2008-07 "Proċess ELA, Tibdil u Tiswijiet Standard u Speċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni għall-Ajruplani Ħfief ta' l-Isport". Madankollu, fl-NPA2008-03, il-"liċenzja ELA" ma tkoprix biss l-inġenji ta' l-ajru ELA1 imma wkoll xi inġenji ELA2.

L-Aġenzija tirrakkomanda li dawn il-kummenti għandhom jerġgħu jintbagħtu matul il-fażi ta' konsultazzjoni ta' l-NPA2007-08 li tintemm fit-18 ta' Lulju 2008.

- (4) AustroControl, CAA (tar-Renju Unit), DGAC (ta' Franza), ENAC (ta' l-Italja) u "Deutscher Aero Club" ipproponew xi tibdiliet editorjali u ta' kjarifika fir-rigward tad-derogi M.A.302(i) u M.A.901(k).

Barra dan, DGAC (Franza) pproponiet tibdil fid-derogi M.A.606(h) u M.A.801(d) biex jiġi żgurat li dawn ikopru l-inġenji ta' l-ajru kollha li mhumiex użati għat-trasport kummerċjali għajr għall-inġenji kbar, irrispettivament x'tip ta' organizzazzjoni jew persuna jwettqu l-manutenzjoni.

L-Aġenzija rrevediet il-formulazzjoni tad-derogi f'dan is-sens. Barra minn hekk, u sabiex it-test ikun aktar ċar, id-derogi proposti kollha ġew ittrasferiti mill-Parti M għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 kif ġej:

- o L-M.A.904(f) ġiet ittrasferita għall-Artikolu 3, il-paragrafu 4.
- o L-M.A.901(k) u l-M.A.903(c) ġew ittrasferiti għall-Artikolu 3, il-paragrafu 5.
- o L-M.A.302(i) ġiet ittrasferita għall-Artikolu 3, il-paragrafu 6.
- o L-M.A.802(c) ġiet ittrasferita għall-Artikolu 4, il-paragrafu 4.
- o L-M.A.606(h) u l-M.A.801(d) ġew ittrasferiti għall-Artikolu 5, il-paragrafu 1.

- (5) "Royal Danish Aeroclub", "Europe Air Sports" u "Norwegian Air Sports Federation" talbu estensjoni tal-perjodu tranżitorju sat-28 ta' Settembru 2010.

L-opinjoni ta' l-Aġenzija hi li perjodu tranżitorju sat-28 ta' Settembru 2009 jipprovdi żmien biżżejjed għall-implimentazzjoni xierqa ta' l-emendi proposti.

- (6) AustroControl ipproponiet li fir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 tingħata definizzjoni tat-terminu "*operazzjonijiet kummerċjali*" imdaħħla fl-M.A.201(i) u ppropona wkoll li din id-definizzjoni tiġi limitata għall-inġenji ta' l-ajru oġġla mill-kategorija ta' glajders u ta' motogljajders.

L-Aġenzija tinnota li definizzjoni tat-terminu "*operazzjonijiet kummerċjali*" diġà tidher fir-Regolament Bażiku. Barra minn hekk, dan it-terminu jkopri wkoll il-glajders u l-motogljajders.

- (7) DGAC (Franza) pproponiet, kif għamlet diġà fl-NPA2007-08, li għall-inġenji ta' l-ajru mhux użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru, għajr għall-inġenji kbar, il-programm ta' manutenzjoni m'għandux jiġi approvat, imma għandu jkun aċċettabbli biss għall-awtorità kompetenti. L-intenzjoni tal-proposta hi li, bl-eċċezzjoni tal-Limitazzjonijiet ta' l-Ajrunavigabbiltà (*Airworthiness Limitations - ALIs*), id-Direttivi għall-Ajrunavigabbiltà u dejta obbligatorja oħra, il-kontenut tal-programm ta' manutenzjoni għal dawn l-inġenji ta' l-ajru għandu jitħalla għar-responsabbiltà tas-sid u m'għandux ikun approvat mill-awtorità kompetenti.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li qabel ma l-programm ta' manutenzjoni jista' jiġi kkunsidrat bħala "approvat" jew "aċċettabbli", l-awtorità kompetenti trid qabelxejn tkun iddeterminat li l-kontenut jissodisfa r-rekwiżiti mfissra fl-M.A.302, partikolarment fl-M.A.302(d) u (h). Barra minn hekk, dejjem irid ikun hemm avviż dwar din l-approvazzjoni jew aċċettazzjoni.

Konsegwentement, billi l-Aġenzija ma tagħmel l-ebda differenza bejn it-terminu "approvat" u t-terminu "aċċettabbli", it-test propost ma ġiex emendat.

- (8) Persuna waħda kkummentat li t-test li jirriżulta għall-paragrafu M.A.302(g) huwa differenti fis-CRD2007-08 u s-CRD2007-01 u għamlet talba għal test riżultanti kkonsolidat.

L-Aġenzija osservat li l-paragrafu M.A.302(g) tas-CRD2007-01 jikkorrispondi għall-paragrafu M.A.302(h) fis-CRD2007-08.

L-Aġenzija aċċettat il-kumment u emendat l-M.A.302(h) f'din l-Opinjoni biex isir allinjament mal-proposta magħmula fis-CRD2007-01. L-Aġenzija osservat li l-perjodu ta' kummenti għas-CRD2007-01 kien diġà spiċċa u ma kien hemm ebda reazzjonijiet negattivi għat-test propost.

Din l-emenda tirrendi bla ħtieġa l-inkorporazzjoni tal-proposta magħmula minn CAA (ir-Renju Unit), li talbet biex il-kliem fl-M.A.302(h) "*id-detentur ta' l-approvazzjoni ta' modifika*" jiġi ssostitwit bil-kliem "*id-detentur ta' l-approvazzjoni ta' bidla minuri*".

- (9) "Deutscher Aero Club" u "Europe Air Sports" talbu li ssir modifika fl-M.A.403(b) sabiex il-pilota-sid jitħalla jiddeċiedi hu, fir-rigward tal-kompiti elenkati fl-Appendiċi VIII, jekk difett f'inġenju ta' l-ajru jkunx ser jipperikola serjament is-sigurtà tat-titjiriet u għaldaqstant jiddeċiedi meta għandu jwettaq azzjoni ta' rettifika u liema azzjoni għandu jwettaq qabel ma jsiru aktar titjiriet u kif ukoll liema rettifika għad-difett setgħet tiġi differita. Il-ġustifikazzjoni mogħtija hi li, sakemm tidħol fis-seħħ il-liċenzja ELA għall-manutenzjoni fuq l-inġenji ta' l-ajru proposta mill-NPA2008-03, ser ikun hemm skarsezza ta' persunal awtorizzat li jiċċertifika biex jgħin fis-soluzzjoni ta' problemi bħal dawn.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li ma tistax tingħata garanzija li l-pilota-sid ikollu l-kompetenza xierqa biex jiddeċiedi jekk difett jistax jiġi differit jew le. Konsegwentement,

jekk id-difett jista' jitranġa permezz ta' kompitu ta' l-Appendiċi VIII, il-pilota-sid jista' jwettaq dan il-kompitu qabel it-titjiriet imma ma jistax jiddifferixxiha.

Barra minn dan, l-Aġenzija ma taqbilx mal-ġustifikazzjoni mogħtija fir-reazzjoni, għaliex ma teżisti l-ebda prova li turi li l-għadd ġejjieni ta' detenturi tal-liċenzja ELA ser ikun akbar mill-għadd attwali ta' persunal awtorizzat li jiċċertifika kkwalifikat f'konformità mar-regoli nazzjonali. Sakemm tidħol fis-seħħ il-liċenzja ELA għall-manutenzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru, persunal awtorizzat li jiċċertifika li jaħdem fuq il-gljaders u l-blalen ta' l-ajru jista' jikkwalifika f'konformità mar-rekwiżiti ta' l-Istati Membri kif fil-fatt jagħmlu attwalment.

- (10) AustroControl u DGAC (Franza) għamlu kummenti f'rabta mad-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-inġenji ta' l-ajru ELA1 mhux użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru previsti fl-M.A.502(d) u l-M.A.801(c) dwar kompiti ta' manutenzjoni kumplessi. B'mod partikolari, dawn l-awtoritajiet urew tħassib dwar il-piż li seta' jaqa' fuq spallejn l-awtorità kompetenti bir-rekwiżit li jrid ikun hemm ftehim bejn is-sid u l-awtorità kompetenti, u l-ħtieġa biex l-awtorità tivverifika li l-perunal indipendenti li awtorizzat jiċċertifika jkollu l-kwalifiki xierqa u esperjenza riċenti, id-dejta applikabbli tal-manutenzjoni tal-komponenti, l-għodda, it-tagħmir u l-materjali u kif ukoll l-aċċess għall-faċilitajiet xierqa:
- o AustroControl ipproponiet li fl-M.A.801(c) ir-rekwiżiti għall-kwalifiki, l-esperjenza, id-dejta tal-manutenzjoni, l-għodda, it-tagħmir, il-materjali u l-faċilitajiet jinżammu għall-persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika, imma mhux li tobbliga lill-awtorità kompetenti twettaq ix-xogħol ta' verifika.
 - o DGAC (Franza) pproponiet:
 - Li fl-M.A.502(d) jiġu esklużi d-dispożizzjonijiet li jippermettu lill-persunal indipendenti awtorizzat biex jiċċertifika jwettaq kompiti ta' manutenzjoni kumplessa fuq komponenti u tiswija ġenerali ta' magni u skrejjien.
 - Li jitħassar l-M.A.801(c) u fl-M.A.801(b)2 tiġi inkluża l-possibbiltà għall-persunal indipendenti bl-awtorità li jiċċertifika, li jwettaq kompiti ta' manutenzjoni kumplessa fuq inġenji ta' l-ajru ELA1 mingħajr l-ebda rekwiżit speċifiku għall-kwalifiki, l-esperjenza, id-dejta tal-manutenzjoni, l-għodda, it-tagħmir, il-materjali u l-faċilitajiet.

L-Aġenzija hi tal-fehma li l-proposta mressqa minn DGAC (Franza) mhix konsistenti għaliex ma tippermettix it-tweġiq ta' ebda kompitu ta' manutenzjoni kumplessa fuq komponenti filwaqt li tippermetti t-tweġiq ta' kompiti ta' manutenzjoni kumplessa fuq l-inġenji ta' l-ajru mingħajr ebda rekwiżiti addizzjonali.

Barra dan, l-Aġenzija ma taqbilx mal-kumment li għamlet DGAC (Franza) li dawn l-approvazzjonijiet skond il-każ speċifiku mħumiex imsejsa fuq rekwiżiti ddettaljati u li jistgħu jwasslu għal problemi ta' responsabbiltà u trattament inġust fost l-utenti, filwaqt li fl-istess waqt DGAC (Franza) tipproponi l-użu tad-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament Bażiku għal dawn il-każijiet.

Il-proposta ta' l-Aġenzija diġà tinkludi rekwiżiti u kwalunkwe trattament inġust għandu jiġi evitat mill-awtorità kompetenti bil-ħolqien ta' proċeduri xierqa, irrispettivament jekk tkunx approvazzjoni skond il-każ speċifiku msejsa fuq il-proposta ta' l-Aġenzija jew tkunx il-ħruġ ta' eżenzjoni ta' l-Artikolu 14.

Fir-rigward tal-proposta mressqa minn AustroControl, l-opinjoni ta' l-Aġenzija hi li t-tħassir tar-rekwiżit għall-verifika mwettqa mill-awtorità kompetenti, jelimina kompletament il-miżura kumpensatorja, għaliex ir-rekwiżit għall-pussess tal-kwalifiki, l-

esperjenza, id-dejta tal-manutenzjoni, l-għodda, it-tagħmir, il-materjali u l-faċilitajiet huwa diġà meħtieġ għall-manutenzjoni kollha mwettqa minn kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni fuq kwalunkwe inġenju ta' l-ajru jew komponent.

Madankollu, l-Aġenzija ser tintroduċi materjal ta' l-AMC biex tiċċara l-fatt li l-ftehim bejn is-sid u l-awtorità kompetenti jista' jinkludi t-tweġġ ta' sensiela ta' ħidmiet kumplessi matul perjodu ta' żmien imtawwal, jekk dan il-ftehim jiddeskrivi d-dejta, l-għodod, it-tagħmir, il-materjali u l-faċilitajiet li għandhom jintużaw, u l-awtorità kompetenti twettaq kontroll każwali biex tivverifika l-kompatibbiltà.

- (11) AustroControl u CAA (ir-Renju Unit) għamlu kummenti b'rabta mad-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-inġenji ta' l-ajru ELA1 mhux użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru previsti fl-M.A.901(g).
- o AustroControl ipproponiet li fl-M.A.901(g) il-persunal indipendenti awtorizzat biex jiċċertifika jitħalla, għal tul ta' sentejn konsekuttivi, mhux biss joħroġ rakkomandazzjoni imma wkoll jippubblika u jestendi l-ARC. Barra dan, AustroControl ipproponiet li r-rekwiżit biex l-awtorità kompetenti tivvaluta u taċċetta lil dan il-persunal awtorizzat biex jiċċertifika jiġi eliminat.
 - o CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li fl-M.A.901(g) jiġi emendat biex jiġi ddikjarat li din id-dispożizzjoni mhijiex applikabbli għall-inġenji ta' l-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali. Il-ġustifikazzjoni hi li dawn l-inġenji għandhom l-obbligu li jikkuntrattaw CAMO.

L-Aġenzija hi tal-fehma li l-proposta mressqa minn AustroControl ma tipprovdi ebda kontroll fuq il-proċess ta' l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u fuq il-kwalifiki tal-perunal. Barra dan, il-ħruġ ta' ARC mhux privileġġ assoċjat mad-detentur ta' kwalifika ta' Parti 66.

Dwar il-proposta mressqa minn CAA (ir-Renju Unit), l-Aġenzija taqbel magħha, imma minflok tirreferi għal "operazzjonijiet kummerċjali", ir-referenza għandha tkun għall-inġenji koperti mill-M.A.201(i), għaliex hu possibbli li għal xi tip ta' "operazzjonijiet kummerċjali" ma jkunx hemm il-ħtieġa li tiġi kkuntrattata organizzazzjoni M.A. Sottoparti G. L-M.A.901(g) ġie emendat f'dan is-sens.

- (12) "Europe Air Sports" insistiet fuq il-possibbiltà li jkun hemm approvazzjoni magħquda: l-M.A.Sottoparti F u l-M.A.Sottoparti G flimkien.

L-Aġenzija reġgħet sostniet il-pożizzjoni tagħha kif tidher fis-CRD2007-08.

- (13) Persuna waħda talbet jekk kienx possibbli li organizzazzjoni M.A.Sottoparti F ikollha wkoll il-privileġġi ta' organizzazzjoni M.A.Sottoparti G mingħajr ma jkollha għalfejn tikkonforma għar-rekwiżiti ta' l-M.A.Subpart G.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li dan mhux possibbli minħabba li l-M.A.Sottoparti F ma jinkludix ir-rekwiżiti marbuta mal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà.

- (14) ENAC (l-Italja) pproponiet li għandhom jiddaħħlu xi dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà għall-organizzazzjonijiet M.A.Sottoparti F li jwettqu manutenzjoni fuq inġenji ta' l-ajru użati għal operazzjonijiet kummerċjali għajr għal operazzjonijiet ta' trasport kummerċjali bl-ajru. Dawn id-dispożizzjonijiet ikunu jixbhu lil daww attwalment eżistenti fil-Parti 145.

L-Aġenzija aċċettat il-proposta and emendat it-test tagħha kif ġej:

- o Żdied paragrafu ġdid – il-paragrafu M.A.606(h) – biex jiġu inklużi t-tweġġ ta' direttivi ripetittivi għall-ajrunavigabbiltà qabel it-titjir mill-kmandant u l-ħruġ ta'

awtorizzazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni limitata għall-kmandant meta jopera 'l barra minn lokalitajiet approvati.

- o L-M.A.615 ġie emendat biex il-manutenzjoni titħalla titwettaq fi kwalunkwe lokalità minħabba li l-inġenju ta' l-ajru ma jkunx fi stat li jtir jew minħabba l-ħtieġa li tiġi sostnuta manutenzjoni fuq bażi okkażjonali.

- (15) CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li l-awtorità kompetenti fl-M.B.902(b) ikun jista' jkollha l-istess flessibilità li tingħata lill-industija fl-M.A.707(a) biex tuża esperjenza addizzjonali minflok kwalifiki.

L-Aġenzija aċċettat din il-proposta.

- (16) AustroControl ipproponiet li mill-M.A.709 titħassar ir-referenza għall-MPD u l-MRB li ssir fil-programm ta' manutenzjoni ta' "*linja bażi*", filwaqt li ddikjarat li dawn id-dokumenti ma jintużawx għal inġenji ta' l-ajru żgħar.

Din il-proposta ma ntlagħhetx mill-Aġenzija għaliex il-programm ta' manutenzjoni ta' "*linja bażi*" jista' jiġi prodott ukoll minn CAMO indipendenti li jkun qed ifittex approvazzjoni għal inġenji ta' l-ajru kbar mhux użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru. Għal dawn l-inġenji jistgħu jkunu applikabbli l-MPD u l-MRB.

- (17) ENAC (l-Italja) pproponiet li, bħala privileġġ, tiġi inkluża fl-M.A.711(a) l-approvazzjoni ta' programmi ta' manutenzjoni permezz ta' proċeduri ta' approvazzjoni indiretti.

L-Aġenzija ma taqbilx ma' din il-proposta għaliex programm ta' manutenzjoni approvat permezz ta' proċedura ta' approvazzjoni indiretta jibqa' meqjus bħala li ġie approvat mill-awtorità kompetenti.

- (18) Uħud mill-kummenti magħmula minn persuni individwali talbu kjarifika dwar x'inhu "ambjent ikkontrollat" u l-implikazzjonijiet tiegħu. Għal dawn il-kummenti ser tingħata tweġiba fuq bażi individwali lil min għamilhom.

Madankollu, l-Aġenzija tinnota li:

- o Id-definizzjoni ta' "ambjent ikkontrollat" tista' tinstab fl-M.A.901(b).
- o Id-definizzjoni ta' "ambjent ikkontrollat" hi l-istess għat-tipi kollha ta' inġenji ta' l-ajru u t-tipi kollha ta' operazzjonijiet, inklużi operazzjonijiet privati. Madankollu, iddaħħlet il-flessibilità fl-M.A.901(e)1 biex ikun possibbli li għal ċerti inġenji ta' l-ajru u operazzjonijiet jinħareġ l-ARC minn CAMO ukoll jekk il-inġenju ta' l-ajru ma jkunx jinsab f'"ambjent ikkontrollat".
- o Sabiex tkun ikkunsidrata f'"ambjent ikkontrollat", il-manutenzjoni kollha trid titwettaq minn organizzazzjonijiet M.A.Sottoparti F jew Parti-145. L-unika eċċezzjoni hi l-kompitu tal-manutenzjoni ta' pilota-sid imwettqa jew mill-pilota-sid innifsu jew minn persunal indipendenti li hu awtorizzat jiċċertifika.

- (19) CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li l-privileġġ previst li jippermetti lil CAMO jestendi ARC ippubblikat mill-awtorità kompetenti, għandu jkun applikabbli wkoll għat-trasport kummerċjali bl-ajru. L-għan hu li titħalla ssir estensjoni ta' dawk l-ARCs li fil-bidu jkunu ġew ippubblikati mill-awtorità kompetenti meta l-inġenju ta' l-ajru jkun ġie impurtat fl-UE u jkun baqa' jinżamm f'ambjent ikkontrollat.

L-M.A.901(f) u l-Formola 15a ta' l-EASA ġew emendati f'dan is-sens.

- (20) "French Gliding Union" talbet li l-M.A.901(g) jinbidel biex CAMO tkun tista' toħroġ l-ARC għall-inġenji ta' l-ajru ELA1 ibbażat fuq rakkomandazzjoni maħruġa minn persunal indipendenti awtorizzat biex jiċċertifika.

L-Aġenzija ma tappoġġax din l-proposta. F'dan il-każ l-ARC jista' jinħareġ biss mill-awtorità kompetenti għaliex hija din l-awtorità li taċċetta lill-persunal awtorizzat biex jiċċertifika li joħroġ ir-rakkomandazzjoni.

- (21) Persuna waħda insistiet fuq il-ħtieġa ta' azzjoni ġejjiena biex l-Entitajiet Kwalifikati jew il-Korpi ta' Valutazzjoni jitħallew iwettqu l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u jiħallew ukoll jipubblikaw l-ARC għall-inġenji ta' l-ajru ELA.

Fis-CRD2007-08 l-Aġenzija diġà fissret li d-definizzjoni attwali ta' Entitajiet Kwalifikati li tinsab fir-Regolament Bażiku dan ma tippermettix. Barra dan, fir-Regolament Bażiku, il-kunċett ta' Korpi ta' Valutazzjoni ma jeżistix.

- (22) AustroControl u CAA (ir-Renju Unit) esprimew nuqqas ta' qbil ma' l-idea li l-awtorità kompetenti tiġi obbligata twestaq l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà u toħroġ l-ARC jekk tkun magħżula mis-sid, kif imfisser fl-M.A.901(h)2. Iż-żewġ awtoritajiet jipproponu li d-deċiżjoni dwar jekk twestaqx l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà jew le titħalla f'idejn l-awtorità u, fil-każ ta' AustroControl, ipproponew li r-restrizzjoni fuq kwalunkwe piż u użu tiġi eliminata.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li jekk id-deċiżjoni titħalla f'idejn l-awtorità kompetenti tista' tirriżulta fi trattament inġust f'pajjiżi differenti u jista' jkollha impatt fuq il-kompetizzjoni.

- (23) AustroControl ipproponiet li jiddied paragrafu ġdid fl-M.A.901 biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tippubblika l-ARC msejjes fuq Formola 52 għal inġenji ta' l-ajru ġodda mibnija fl-UE, mingħajr ma mingħajr ma jkun meħtieġ li l-awtorità kkonċernata twestaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà.

Il-proposta ntlagħhet u l-M.A.901(k) ġie mibdul.

- (24) ENAC (l-Italja) ikkummentat li l-M.A.903 u l-M.A.904 jirreferu għat-trasferiment tar-reġistrazzjoni ta' l-inġenji ta' l-ajru fl-UE u l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru impurtati lejn l-UE. Din l-awtorità argumentat li billi n-Norveġja, l-Iżvizzera, il-Liechtenstein u l-Iżlanda huma barra mill-UE, donnha hemm implikazzjoni li dawn il-pajjiżi għandhom jiġu amministrati skond l-M.A.904. Minħabba dan, huma jipproponew li t-terminu "l-UE" għandu jinbidel u jsir "l-Istati Membri ta' l-EASA".

L-Aġenzija tinnotta li r-Regolament Bażiku jitkellem dwar "Stati Membri" fis-sens ta' "Stati Membri ta' l-UE". Pajjiżi Ewropej oħrajn jitqiesu bħala "pajjiżi terzi".

Madankollu, l-erba' pajjiżi msemmija hawn fuq huma koperti mill-ftehimiet internazzjonali korrispondenti:

- Il-Ftehim ŻEE (Iż-Żona Ekonomika Ewropea) fil-każ tan-Norveġja, il-Liechtenstein u l-Iżlanda.
- Il-Ftehim bejn l-UE u l-Iżvizzera.

Dawn il-ftehimiet jistabilixxu d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti ta' l-UE li huma applikabbli għal kull pajjiż u, konsegwentement, ir-riżultat finali hu li dawn l-erba' pajjiżi jużaw l-istess proċeduri ta' trasferiment bħal ma jużaw l-Istati Membri.

B'konsegwenza ta' dan, l-Aġenzija din il-proposta ma tilqagħhiex.

- (25) Persuna waħda talbet li l-piloti-sidien kollha jkollhom il-privileġ li jwettqu l-istess kompiti, indipendentement mill-kategorija ta' l-inġenju ta' l-ajru (glajders, ajruplani bil-magna...). Il-ġustifikazzjoni mogħtija hi li l-ebda wieħed mill-gruppi ta' piloti m'għandu, bejn wieħed u ieħor, l-esperjenza meħtieġa.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li l-ħidmiet li l-pilota-sid huwa mħolli jwettaq huma differenti għal kull kategorija ta' inġenji ta' l-ajru minħabba s-sistemi u l-kumplessitajiet differenti tagħhom. Id-differenzi ta' bejniethom mhumiex marbuta ma' l-esperjenza tal-piloti.

- (26) DGAC (Franza) ikkummentat li skond l-interpretazzjoni tagħha tar-regola attwali, f'xi każi, l-organizzazzjonijiet tal-Parti145 ikklassifikati bħala "A" fi Franza tħallew iwettqu manutenzjoni sempliċi fuq komponenti "*on wing*" ("imneħħija temporanjament") bl-użu ta' dejta ta' manutenzjoni fuq il-komponenti.

Din l-awtorità kkummentat ukoll li fi Franza hija prattika komuni għall-persunal indipendenti awtorizzat biex jiċċertifika li jwettaq xi manutenzjoni mhix kumplessa fuq magni tal-pistun skond dejta tal-manutenzjoni fuq il-magni.

Fiż-żewġ każi ir-rilaxx isir fuq il-livell ta' l-inġenji.

Billi t-test propost minn din l-Opinjoni fl-M.A.502(b) u (c) jeżiġi li kwalunkwe manutenzjoni mwettqa skond id-dejta tal-manutenzjoni fuq il-komponenti trid tkun rilaxxata minn organizzazzjonijiet ikklassifikati "B"/"C", DGAC (Franza) irrealizzat li dawn il-prattiki ma jistgħux jissuktaw u tipprevedi impatt qawwi fuq l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni, il-persunal indipendenti awtorizzat biex jiċċertifika u kif ukoll is-sidien u l-operaturi.

Madankollu, l-awtorità tħoss li għal manutenzjoni sempliċi fuq komponenti li ma tinvolvi l-użu ta' kompetenza speċjalizzata, mhemmx impatt fuq is-sigurtà kieku din il-prattika kellha titħalla ssir.

Din il-pożizzjoni qablet magħha wkoll "Alitalia Servizi", organizzazzjoni Taljana Parti 145 kklassifikata "A", li attwalment tinsab twettaq ċerti kompiti skond dejta tal-manutenzjoni fuq il-komponenti waqt manutenzjoni tal-linja fuq l-inġenji ta' l-ajru, pereżempju, il-bdil ta' dirgħajn il-pulturi u l-bibien tal-kompartimenti tal-kabina.

L-Aġenzija tirrikonoxxi li l-proposta attwali tista' timponi piż li ma jkunx iġġustifikat fil-każ ta' manutenzjoni sempliċi fuq il-komponenti mwettqa waqt manutenzjoni fuq l-inġenji ta' l-ajru (kontroll ta' kemm jiżnu ċ-ċilindri tat-tifi tan-nar, tiswijiet sempliċi tal-pulturi u l-kabini, eċċ.), Madankollu, mhijiex l-intenzjoni ta' l-Aġenzija li tippermetti kwalunkwe tip ta' manutenzjoni fuq komponenti "*on wing*" (jew "imneħħija temporanjament") mingħajr il-klassifikazzjoni xierqa ta' "B"/"C" (spezzjoni u tiswija ta' moduli tal-magni,...).

Konsegwentement, f'konformità mal-proposta mressqa minn DGAC (Franza), l-Aġenzija emendat l-M.A.502(b) u (c) biex tippermetti li l-awtorità kompetenti tkun tista' turi li taqbel speċifikament li dan it-tip ta' manutenzjoni fuq il-komponenti jista' jitwettaq mingħajr klassifikazzjoni "B"/"C".

Minbarra dan, l-Aġenzija ser iżżid il-materjal AMC biex tiċċara l-ambitu ta' manutenzjoni li jista' jiġi approvat u l-proċeduri ta' kontroll li għandhom ikunu fis-seħħ. Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' din il-miżura hu li jiġi żgurat li l-persunal ikun ikkwalifikat kif jixraq biex iwettaq il-ħidmiet ikkonċernati. F'bosta każi, fir-rigward ta' komponenti kumplessi, ikunu meħtieġa kwalifiki speċjali u mhux biżżejjed li l-persunal ikkonċernat ikollu biss liċenzja B1 jew B2.

(27) Barra dan, l-Aġenzija introduċiet tibdil żgħir u editorjali fil-paragrafi li ġejjin:

- o FI-M.A.201(e) il-bidu tal-paragrafu treġġa' lura għat-test oriġinali biex issa ġie jaqra (Il-proposta ta' DGAC [Franza]):

"Sabiex jissodisfa r-responsabbiltajiet tal-paragrafu (a) sid inġenju ta' l-ajru jista' jikkuntratta...."

Din il-bidla saret biex tiġi evitata kwalunkwe ambigwià dwar l-intenzjoni tar-regolament.

Kif iddikjarat fl-M.A.201(a), is-sid huwa responsabbli għall-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà ta' l-inġenji ta' l-ajru, mingħajr ma jidħol fil-kwistjoni dwar jekk is-sid iwettaqx il-ħidmiet huwa nnifsu jew jissottokuntrattax lil ħaddieħor li jkun responsabbli għalih hu.

L-M.A.201(e) jipprovdi lis-sid l-għażla li jikkuntratta CAMO, biex b'hekk jittrasferixxi r-responsabbiltà tat-temma tal-ħidmiet tal-permanenza ta' l-ajrunavigabbiltà lill-CAMO.

- o FI-M.A.201(e) ġie miżjud il-kliem *"Jekk l-organizzazzjoni tapplika l-proċeduri approvati xierqa"*. (Il-proposta ta' CAA [ir-Renju Unit])
- o FI-M.A.302(d)2 il-kliem *"ladarba jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti"* ġew sostitwiti bil-kliem *"ladarba jkunu ġew approvati skond l-M.A.302(b) jew l-M.A.302(ċ)"*. (Il-proposta ta' CAA [l-Olanda])
- o FI-M.A.302(i), li issa ġie ttrasferit għall-Artikolu 3, il-paragrafu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, ir-rekwiżit biex il-programm ta' manutenzjoni nazzjonali jiġi ssupplimentat bi proċeduri li jiżguraw il-konformità ma' l-M.A.302(g) u (h) ġie mneħħi. (Il-proposta ta' CAA [l-Olanda])

L-Aġenzija tikkonstata li l-Appendiċi I ta' l-AMC M.A.302 u l-AMC M.B.301(b) ma jiddikjarax li l-programm ta' manutenzjoni għandu jinkludi dawn il-proċeduri.

- o L-M.A.502(d) reġa' nkiteb mill-ġdid biex jinftiehem aħjar. (Il-proposta ta' AustroControl u CAA-ir-Renju Unit)
- o FI-M.A.711(a)3 il-kelma *"ikkuntrattat"* ġiet sostitwita bil-kelma *"subappaltat"*. (Il-proposta ta' CAA-ir-Renju Unit)
- o FI-M.A.711(b)1 żdied il-kliem *"u sussegwentement jittawwal skond il-kundizzjonijiet ta' l-M.A.901(ċ)2 jew l-M.A.901(e)2"*. (Il-proposta ta' ENAC [l-Italja])
- o FI-M.A.714(b) żdied il-kliem *"jew, kif applikabbli, jiġi estiż"*. (Il-proposta ta' ENAC [l-Italja]).
- o Fil-Parti M, l-Appendiċi I, il-paragrafu 5.1, punt ġdid – il-punt 8 – iddaħħal biex jintroduċi l-obbligu tal-CAMO biex fi żmien għaxart ijiem tibgħat kopja ta' kwalunkwew ARC maħruġ jew imtawwal lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' reġistrazzjoni. (Il-proposta ta' ENAC [l-Italja]).
- o Fil-Parti M, l-Appendiċi VI, il-kundizzjoni 6, il-kelma *"kuntratti"* ġiet sostitwita bil-kelma *"subappalti"*. (Il-proposta ta' CAA-ir-Renju Unit)

(28) Il-proposti li ġejjin ma ġewx inkorporati f'din l-Opinjoni għaliex l-Aġenzija temmen li t-test diġà huwa ċar biżżejjed kif inhu:

- o AustroControl ipprononiet li l-glajders u l-motogljajders jiġu inklużi fl-M.A.901(e).

L-Aġenzija tinnota li fl-M.A.901(e) diġà hemm imsemmija "*l-inġenji ta' l-ajru ta' MTOM ta' 2730 kg jew inqas*". It-terminu "inġenji ta' l-ajru" jinkludi l-gljajders u l-motogljajders.

- o CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li l-kundizzjoni 7 titneħħa mill-Appendiċi VI tal-Parti M filwaqt li argumentat li s-sospensjoni ta' l-AOC jista' jkollha effett fuq l-attivitatiet ta' l-organizzazzjoni taħt Parti M, Sottoparti G.

L-Aġenzija tikkonstata li l-kundizzjoni 7 diġà taqra:

"...sakemm ma jkunx espliċitament iddikjarat mod ieħor mill-awtorità kompetenti"

Dan ifisser li l-awtorità kompetenti diġà għandha l-possibbiltà li żżomm l-approvazzjoni ta' CAMO.

- o CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li ssir emenda fl-Appendiċi VI tal-Parti M biex dan jiġi jaqra hekk:

"Skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 kif emendat, u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-Istat Membru jiċċertifika"

L-Aġenzija tikkonstata li t-test attwali huwa korrett għaliex jirreferi għal

"....ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 li bħalissa jinsab fis-seħħ....". Ir-referenza hi għar-regolament li jkun jinsab fis-seħħ fiż-żmien meta l-awtorità kompetenti toħroġ l-approvazzjoni.

- (29) Il-proposti li ġejjin ma ġewx inkorporati f'din l-Opinjoni jew għaliex huma barra t-Termini ta' Referenza tal-kompitu jew għaliex is-suġġett ma qanqalx ħafna kummenti u diskussjoni. B'konsegwenza ta' dan, jeħtieġ li jiġu diskussi u kkonsultati b'mod formali, u jeħtieġ ukoll li jkunu koperti minn kompitu ta' regolamentazzjoni separat. L-Aġenzija ser tinkorpora dawn il-proposti fl-"Inventarju tar-Regolamentazzjoni".

- o CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li tingħata definizzjoni ta' "Programm ta' Manutenzjoni" u "Skeda ta' Manutenzjoni".
- o CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li għandha tiġi ssodisfata l-ħtieġa ta' Sistema ta' Kwalità formali għall-organizzazzjonijiet kbar taħt l-M.A.Sottoparti F, u ġġustifikat il-proposta bil-fatt li l-organizzazzjonijiet kbar taħt l-M.A.Sottoparti F li jwettqu ġestjoni ta' inġenji ta' l-ajru li mhumiex involuti fi trasport kummerċjali bl-ajru diġà jeħtiġu.
- o ENAC (l-Italja) pproponiet li l-persuni responsabbli għas-Sistema ta' Kwalità jew l-Eżaminar Organizzattiv, kif applikabbli, fl-organizzazzjonijiet M.A.Sottoparti G, għandhom jiġu approvati mill-awtorità kompetenti bl-użu tal-Formola EASA 4.

L-Aġenzija tinnota li, attwalment, din is-sistema anqas mhi meħtieġa għall-organizzazzjonijiet Parti 145.

- o CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li d-diskriminatur għall-esperjenza relatata li jidher fl-M.A.707(a) u l-M.B.902(b) għandu jiddependi fuq l-MTOM ta' l-inġenji ta' l-ajru u mhux fuq l-użu. Għalhekk din l-awtorità pproponiet li tiffissa d-diskriminatur għal MTOM ta' 2730 kg irrispettivament jekk l-inġenju ta' l-ajru jintużax għal trasport kummerċjali bl-ajru jew le. Il-ġustifikazzjoni mogħtija hi li għall-inġenji ta' l-ajru mhux kbar, hu x'inhu l-użu tagħhom, diffiċli ħafna li jinstabu korsijiet ta' taħriġ formalizzati.

Għalkemm din il-proposta ma ġietx inkorporata, ENAC (l-Italja) pproponiet li l-AMC M.A.606(c), l-AMC M.A.706, il-paragrafu 4.7, l-AMC M.A.707(a)(1) u l-AMC

M.A.707(a)(2) jiġu emendati biex jiġi ċċarat aktar kif u fejn jistgħu jitwettqu korsijiet ta' taħriġ formalizzati u meta dan it-taħriġ jista' jiġi ssostitwit minn valutazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-blalen ta' l-ajru u l-inġenji ta' l-ajru ta' taħt MTOM ta' 2730 kg użati għal trasport kummerċjali bl-ajru.

Din il-proposta minn ENAC ser tiġi analizzata u l-materjal ta' l-AMC ser jiġi emendat, jekk ikun hemm il-ħtieġa, qabel il-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni.

- o CAA (ir-Renju Unit) u ENAC (l-Italja) ipproponew li l-antiċipazzjoni ta' l-estensjoni ta' l-ARC titħalla ssir mingħajr interruzzjoni fl-iskema ta' l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà. L-għan kien li lis-sid tingħatalu flessibbiltà biex ipoġġi l-ARC fl-inġenju ta' l-ajru meta l-inġenju jkun jinsab fil-bażi.

Madankollu, CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet 30 jum ta' antiċipazzjoni filwaqt li ENAC ipproponiet ħamest ijiem.

Reazzjonijiet għall-materjal ta' l-AMC (Mezzi Aċċettabbli ta' Konformità)

Il-proposti li ġejjin għal tibdil u żidiet fil-materjali ta' l-AMC ser jiġu eżaminati mill-Aġenzija u t-test ser jiġi emendat, kif ikun meħtieġ, qabel ma d-Deċiżjoni finali (AMC/GM) tiġi ppubblikata. Tali Deċiżjoni ser tiġi ppubblikata ladarba l-Kummissjoni tapprova din l-Opinjoni:

- (1) CAA (l-Olanda) ipproponiet li l-limitu ta' piż għandu jitneħħa mill-AMC M.A.401(c)4.

Din il-proposta ġiet aċċettata mill-Aġenzija.

- (2) CAA (ir-Renju Unit), "Broadland Balloon Flights", "British Balloon and Airship Club", "GEFA-FLUG" u għadd ta' persuni ddikjaraw li l-AMC M.A.605(a) jidher li jeħtieġ id-disponibbiltà ta' hanger għall-ispezzjoni ta' blalen u iġfna ta' l-ajru.

It-test ser jinbidel kif ġej meta toħroġ id-Deċiżjoni finali (AMC/GM):

"Jista' jkun li għall-blalen u l-iġfna ta' l-ajru ma jkunx meħtieġ hanger meta l-manutenzjoni tat-tagħmir ta' l-invilopp u tat-tarf ta' isfel tista' ssir barra, sakemm il-manutenzjoni meħtieġa kollha tista' tintgħamel kif jixraq skond l-M.A.402. Għal tiswijiet kumplessi jew għal manutenzjoni fuq il-komponenti li jeħtieġu l-Formola 1 ta' l-EASA, għandhom jiġu pprovduti mħażen approvati xierqa. Il-faċilitajiet u l-kundizzjonijiet ambjentali meħtieġa għall-ispezzjoni u l-manutenzjoni għandhom jiġu definiti fil-Manwal ta' l-Organizzazzjoni ta' Manutenzjoni".

- (3) ENAC (l-Italja) ipproponiet li jiġu emendati l-AMC M.A.606(c), l-AMC M.A.706, il-paragrafu 4.7, l-AMC M.A.707(a)(1) u l-AMC M.A.707(a)(2) sabiex jiġi ċċarat aktar kif u fejn jistgħu jitwettqu korsijiet ta' taħriġ formalizzati u meta dan it-taħriġ jista' jiġi ssostitwit minn valutazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-blalen ta' l-ajru u l-inġenji ta' l-ajru ta' taħt MTOM ta' 2730 kg użati għal trasport kummerċjali bl-ajru.

Din il-proposta ġiet aċċettata mill-Aġenzija.

- (4) AustroControl ipproponiet li r-referenza għall-"Parti 66 Livell 1 Familjarizzazzjoni Ġenerali" tiġi ssostitwita minn "Parti 66 Appendiċi III Livell 1 Familjarizzazzjoni Ġenerali". Dan japplika għall-paragrafi AMC M.A.706, AMC M.A.707(a)1, AMC M.A.707(a)2, AMC M.B.902(b)1 u AMC M.B.902(b)2.

Din il-proposta ġiet aċċettata mill-Aġenzija.

- (5) CAA (ir-Renju Unit) u "British Balloon and Airship Club" ipproponew li għandu jiżdied il-materjal ta' l-AMC biex tiġi ċċarata t-tifsira ta' "bl-għajnuna ta' dan il-persunal ikkwalifikat fl-M.A.710(b) u biex jiġi ċċarat ukoll jekk il-firmatarju ta' l-ARC jridx ikun preżenti waqt il-perizja ta' l-inġenju ta' l-ajru.

L-Aġenzija tinnotta li l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà tinkludi eżami tad-dokumenti u perizja fiżika. Skond l-M.A.710(c)5, waqt il-perizja fiżika ta' l-inġenju ta' l-ajru għandu jiġi żgurat li ma jkun jeżistu l-ebda inkonsistenzi bejn l-inġenju u d-dokumenti eżaminati.

Il-pożizzjoni ta' l-Aġenzija hi li dan jista' jinkiseb biss jekk il-persunal li jwettaq l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà jkun preżenti matul il-perizja fiżika. Waqt din il-perizja, il-persunal li jwettaq l-eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà jista' jiġi megħjun mill-persunal tal-Parti-66 sabiex jinfetħu l-panewwijiet, isiru t-testijiet, eċċ.

L-AMC M.A.710(b) se jiġi emendat f'dan is-sens.

- (6) DGAC (Franza) pproponiet li jiżdied il-materjal ta' l-AMC biex jiġi ċċarat dan li ġej:
- o Għal kemm żmien jista' tip ta' inġenju ta' l-ajru jinżamm fl-ambitu ta' xogħol approvat jekk il-CAMO ma jkollha l-ebda klijent ikkuntrattat għal dan it-tip.
 - o Ikunx possibbli li CAMO titħalla twettaq eżaminar ta' l-ajrunavigabbiltà fuq tip speċifiku ta' inġenju ta' l-ajru mingħajr ma jkollha jew mingħajr ma' tfitteż klijent taħt kuntratt għal dan it-tip ta' inġenju.
- (7) ENAC (l-Italja) ipproponiet li, fir-rigward tal-persuni awtorizzati biex jestendu ARC bbażat fuq il-privileġġ il-ġdid ta' l-M.A.711(a)4, jiddaħħal materjal ta' l-AMC biex jiġi ċċarat kif dawn il-persuni jiġu aċċettati formalment mill-awtorità kompetenti u kif tinħareġ l-awtorizzazzjoni mill-organizzazzjoni.
- (8) ENAC (l-Italja) ipproponiet li għandha tiddaħħal aktar informazzjoni fl-AMC M.A.901(ċ)2 & (e)2 u (f) dwar kif CAMO tista' turi li ARC ma jiġix estiż jekk l-organizzazzjoni tkun konxja jew ikollha raġunijiet biżżejjed biex temmen li l-inġenju ma jkun ajrunavigabbli. Barra minn hekk, ENAC (l-Italja) tipproponi l-introduzzjoni ta' eżempju ta' "rapport ta' konformità".
- (9) ENAC (l-Italja) ipproponiet li l-AMC M.A.903(a) u l-AMC M.B.105(a) jiġu emendati sabiex jiġi żgurat li, meta jseħħ trasferiment ta' reġistrazzjoni ta' inġenju ta' l-ajru fl-UE, l-iskambju reċiproku ta' l-informazzjoni jkun jinkludi notifika li l-ARC jkun ħareġ skond ir-regoli nazzjonali.
- (10) AustroControl ipproponiet li l-motogljajders jiġu inklużi fl-AMC M.B.301(b), il-parti 3.
- (11) ENAC (l-Italja) ipproponiet li għandha tiddaħħal aktar informazzjoni fl-AMC M.B.703 dwar kif trid timtela l-Formola 14 ta' l-EASA.
- (12) AustroControl ipproponiet li meta ssir id-definizzjoni tal-klassifikazzjonijiet tal-gruppi fl-AMC M.B.703 jittqies l-NPA2007-07, li attwalment qed jiġi eżaminat.
- (13) CAA (l-Olanda) ipproponiet li l-kliem "*proċeduri għall-eskalazzjoni tal-perjodi stabbiliti għall-kontroll*" għandu jiġi ssostitwit bil-kliem "*dettalji dwar jew referenza għall-programmi ta' eskalazzjoni*" fil-paragrafu 1.1.7 ta' l-Appendiċi I ta' l-AMC M.A.302 u l-AMC M.B.301(b).

- (14) CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li għandu jiddaħħal aktar materjal ta' l-AMC biex jiġi ċċarat xi jfissru dawn it-termini li ġejjin fl-Appendiċi VII "Kompiti ta' Manutenzjoni Kumplessi":
- o "*Welder approvat u awtorizzat*" fil-paragrafu 3(ċ).
 - o "*Attrezzaturi speċjali*" fil-paragrafu 5(a).
- (15) "Deutscher Aero Club" u żewġ persuni pproponew li għandhom isiru emendi fil-lista ta' kompiti inklużi fl-AMC ta' l-Appendiċi VIII "Manutenzjoni limitata għall-pilota-proprjrtarju".
- (16) CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li fis-Sistemi ta' Kwalità tal-Parti-145 u l-Parti-21 jiġi inkorporat rekwiżit simili għal dak propost fil-paragrafu (e) ta' l-Appendiċi VIII ta' l-AMC M.A.616, fejn l-organizzazzjoni għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe sejba ta' Livell 1 mikxufa waqt l-eżaminar organizzattiv.
- (17) CAA (ir-Renju Unit) ipproponiet li l-emenda għall-AMC 145.A.50(a), il-paragrafu 2.8(d), li tippermetti proċedura ssimplifikata għall-ħruġ ta' Formola 1 għall-komponenti li fuqhom issir manutenzjoni fl-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada minn organizzazzjonijiet li mhumiex approvati taħt il-Parti 145, għandha titħassar. Il-ġustifikazzjoni mogħtija hi li din timmina l-ftehimiet bilaterali eżistenti.
- Madankollu, din l-awtorità tappoġġja l-emenda simili li ddaħħlet fl-AMC M.A.613(a), il-paragrafu 2.8.
- (18) Barra dan, bħala riżultat tal-kummenti ppreżentati minn AustroControl u DGAC (Franza) dwar id-dispożizzjonijiet previsti fl-M.A.502(d) u l-M.A.801(ċ) għal kompiti ta' manutenzjoni kumplessi fuq inġenji ta' l-ajru ELA1, l-Aġenzija ser tintroduċi materjal ta' l-AMC biex jiġi ċċarat li l-ftehim bejn is-sid u l-awtorità kompetenti jista' jinkludi t-twettiq ta' sensiela ta' kompiti kumplessi matul perjodu ta' żmien imtawwal, jekk dan il-ftehim jiddeskrivi d-dejta, l-għodod, it-tagħmir, il-materjal u l-faċilitajiet li għandhom jintużaw, u kif ukoll l-awtorità kompetenti twettaq kontroll każwali biex tivverifika l-konformità.
- (19) Ukoll, minħabba l-kummenti ppreżentati minn DGAC (Franza) u Alitalia Servizi fir-rigward ta' twettiq ta' manutenzjoni fuq komponenti "*on wing*" ("imneħħija temporanjament") (M.A.502(b) u (c)), l-Aġenzija ser iżżid materjal ta' l-AMC biex tfisser x'inhu l-ambitu tal-manutenzjoni li jista' jiġi approvat u liema proċeduri ta' kontroll għandhom ikunu fis-seħħ.